REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/291

tat-13 ta' Frar 2025

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fl-14 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2024 minn erba' produtturi tal-Unjoni tal-karta dekorattiva ("l-ilmentaturi"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-karta dekorattiva fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2718 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([3]).

1.3. Partijiet interessati

(4) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentaturi, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa, lin-negozjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li kienu kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-ftuħ tal-investigazzjoni u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

(6) Saru seduti ta' smigħ mal-ilmentaturi (Felix Schoeller, Koehler Paper, Malta Decor & Munksjö Paper), LamiGraf S.A. u Interprint GmbH.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([2]) Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2024/3695, 14.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3695/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2718 tal-24 ta' Ottubru 2024 li jagħmel importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2024/2718, 25.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2718/oj).

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(7) Iċ-China National Forest Products Industry Association (CNFPIA) LamiGraf S.A., Kastomonu Italia S.p.a., Kastamonu Romania S.A., u Kastamonu Bulgaria AD (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Grupp Kastamonu") u Marburger Tapetenfabrik, ippreżentaw kummenti dwar il-bidu. Dawn kienu jikkonċernaw il-pożizzjoni tal-ilmentaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku u l-evidenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv fl-ilment, id-distorsjonijiet fil-materja prima, l-indikaturi tad-dannu, il-kawżalità, u l-interess tal-Unjoni. Dawn il-kummenti kollha huma indirizzati hawn taħt fit-taqsimiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

(8) Wara l-bidu, is-CNFPIA sostniet li Felix Schoeller u Munksjö, tnejn mill-erba' ilmentaturi, kienu relatati ma' kumpaniji Ċiniżi, u li wieħed miż-żewġ ilmentaturi kellu wkoll importazzjonijiet miċ-Ċina mill-kumpanija relatata tiegħu. Is-CNFPIA argumentat li, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, iż-żewġ kumpaniji kellhom għalhekk jiġu esklużi mill-industrija tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dan, is-CNFPIA żiedet li r-rekwiżit permanenti stabbilit fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku jista' ma jintlaħaqx.

(9) Skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(1)(i), kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha, li għandha tiddetermina jekk għandhiex teskludi mill-"industrija tal-Unjoni" l-produtturi li huma relatati ma' esportaturi jew ma' importaturi jew li huma stess huma importaturi tal-prodott li huwa l-oġġett ta' dumping. Id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata fuq bażi ta' każ b'każ, b'referenza għall-fatti rilevanti kollha ([4]). Peress li ż-żewġ kumpaniji relatati fir-RPĊ fil-biċċa l-kbira servew lis-suq domestiku tagħhom, u peress li l-kwantitajiet importati mill-produtturi tal-Unjoni mill-kumpaniji relatati tagħhom fir-RPĊ, kienu negliġibbli jekk kien hemm, il-Kummissjoni qieset li l-esklużjoni ta' Felix Schoeller u Munksjö mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx iġġustifikata. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(10) Is-CNFPIA sostniet li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku għad-determinazzjoni tad-dannu ma kinux ġew issodisfati, bl-argument li matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

(11) Il-Kummissjoni fakkret li f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku, għandha tinbeda investigazzjoni meta l-ilment ikun fih biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' investigazzjoni. Fl-ilment, l-ilmentatur argumenta li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ta' karta dekorattiva mir-RPĊ ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Biex jappoġġa l-argument tiegħu, l-ilmentatur uża t-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv biex jikkalkula marġni medju peżat ta' dumping fil-medda ta' [35-45 %], u analizza l-konsum, il-profittabbiltà, il-bejgħ u s-sehem mis-suq, il-volum tal-produzzjoni u l-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni qieset li dawn kienu elementi rilevanti għall-valutazzjoni tagħha tal-merti tal-fajl, u li flimkien ma' informazzjoni oħra pprovduta mill-ilmentatur, kienu jikkostitwixxu biżżejjed evidenza, filwaqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(3) għall-bidu tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni mis-CNFPIA ġiet irrifjutata.

(12) LamiGraf ippreżentat argumenti simili dwar ix-xejriet tad-dannu, filwaqt li argumentat li fatturi ekonomiċi usa', bħall-pandemija tal-COVID-19, l-instabbiltà ġeopolitika u l-kriżi tal-enerġija kellhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija, u għalhekk id-dannu ma setax jiġi attribwit prinċipalment lill-importazzjonijiet Ċiniżi. LamiGraf żiedet li l-fluttwazzjonijiet fil-konsum tal-Unjoni jistgħu jiġu attribwiti lill-ekonomija abbażi tal-prinċipju "noqogħdu d-dar" xprunata mill-pandemija u segwita minn korrezzjoni tas-suq, u ma jistgħux jiġu attribwiti lill-importazzjonijiet Ċiniżi, u li l-bejgħ ġenerali u l-bejgħ għall-esportazzjoni tal-ilmentaturi ġew affettwati serjament mis-sanzjonijiet kontra r-Russja. Il-kundizzjonijiet fl-2021 wasslu għal żieda fid-domanda għall-karta dekorattiva, li kienet tinvolvi diversifikazzjoni li rriżultat f'żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina. Il-kompetittività tal-prezzijiet Ċiniżi tirriżulta mill-użu ta' tagħmir kosteffiċjenti, għall-kuntrarju tal-produtturi lmentaturi. Madankollu, fl-istess ħin, LamiGraf sostniet li l-investimenti kbar li saru mill-ilmentaturi ma jindikawx dannu materjali.

([4]) Is-Sentenza tal-14 ta' Marzu 1990, *Gestetner Holdings plc vs il-Kunsill u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, C-156/87, ECLI:EU:C:1990:116, il-punt 43.

(13) Il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza ta' dannu kkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina, inklużi valutazzjonijiet tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-konsum tal-Unjoni, l-impatt tal-kriżi tal-enerġija u l-kost tal-materja prima li qed jiżdied, kif ukoll l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u s-sanzjonijiet kummerċjali sussegwenti. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew irrifjutati.

1.5. **Kampjunar**

(14) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(15) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni indikat li kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-UE bejn l-1 ta' April 2023 u l-31 ta' Marzu 2024 u l-post ġeografiku. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 60 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u 61 % tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun proviżorju. Il-kampjun huwa meqjus rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

Kampjunar ta' importaturi mhux relatati

(16) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni staqsiet lil importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(17) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Minħabba n-numru żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ

(18) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ, u jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal- Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-RPĊ fl-UE biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(19) Ħames produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tnejn abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment.

1.6. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(20) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(21) Barra minn hekk, fl-ilment l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza *prima facie* ta' distorsjonijiet fil-materja prima fir-RPĊ fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, kif tħabbar fin-Notifika tal-Bidu, l-investigazzjoni kopriet dawk id-distorsjonijiet fil-materja prima biex tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju addizzjonali f'dan ir-rigward lill-GTĊ.

(22) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-produtturi esportaturi fiċ-Ċina inklużi fil-kampjun, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa. L-istess kwestjonarji kienu disponibbli online ([5]) fil-jum tal-bidu.

(23) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Felix Schoeller GmbH & Co. Kg, Osnabrück, il-Ġermanja;

— Malta Decor Sp. z o.o., Poznań, il-Polonja;

— Munksjö Tolosa S.A.U., Berastegi, Spanja.

Utenti

— LamiGraf S.A., Barċellona, Spanja;

— Interprint GmbH, Arnsberg, il-Ġermanja.

Produtturi esportaturi fir-RPĊ

— Hangzhou Huawang New Material Technology Co. Ltd (HUAWANG)

— Kingdecor Zhejiang Co. Ltd., (KINGDECOR)

1.7. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

(24) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. PRODOTT TAĦT INVESTIGAZZJONI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott taħt investigazzjoni

(25) Il-prodott taħt investigazzjoni huwa karta dekorattiva bil-karatteristiċi li ġejjin:

— tiżen 30-150 g/m2; għandha kontenut ta' rmied ta' bejn 5 % u 50 %;

— għandha assorbenza ta' Klemm ta' mill-inqas 12-il millimetru kull 10 minuti jew ġbir tar-reżina ta' 20 % sa 200 %;

— b'reżistenza għat-tensjoni mxarrba ta' 6 sa 12-il Newton (N) għal kull 15-il millimetru;

— b'porożità ta' Gurley minn 3 sekondi sa 80 sekonda għal kull 100 millilitru;

— lixxa minn 20 sa 300 skont il-metodu Bekk;

— f'rukkelli b'wisa' sa 300 ċentimetru;

— kemm jekk imprenjata minn qabel b'taħlita ta' latitudnijiet jew leganti naturali (bħal lamtu) jew le;

— eskluż wallpaper u kisi simili tal-ħajt;

— minbarra karti saturati ta' soluzzjonijiet ta' reżina bbażati fuq melamina b'bażi ta' ilma, urea, fenol jew kwalunkwe reżina li tibbies bis-sħana jew reżina termoplastika ("il-prodott taħt investigazzjoni").

([5]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-history?caseId=2734.

(26) Hemm ħames tipi ta' prodotti ewlenin, ibbażati fuq karatteristiċi fiżiċi: karta bażi għall-istampar dekorattiv, karta ta' kulur wieħed, karta tal-irfid, karta bażi tal-fojl u karta dekorattiva imprenjata minn qabel.

— karta bażi għall-istampar dekorattiv hija karta bażi għall-istampar mibjugħa lil minn jipprintja u ddisinjata speċifikament biex tiġi stampata b'disinji differenti (pereż. b'dehra ta' injam, b'dehra granulata, b'dehra ta' irħam);

— Karta ta' kulur wieħed hija karta dekorattiva ta' kulur uniku, saturata bil-kulur. Hija kkaratterizzata mill-kapaċità tagħha għall-proċessi ta' penetrazzjoni u imprenjar. Il-kulur jiġi inkorporat fl-istadju tal-manifattura tal-karta;

— Il-karta tal-irfid hija kkaratterizzata minn kwalitajiet partikolari ta' imprenjar u reżistenza għat-tensjoni. Hija tiġi applikata fuq wara tas-sottostrat biex tiġi evitata d-deformazzjoni matul il-proċess ta' laminazzjoni;

— Karta bażi tal-fojl hija tip ta' karta dekorattiva li tintuża bħala karta bażi biex tipproduċi fojl ta' finitura, jiġifieri saffi tal-karta b'wiċċ miksi bil-vernič li huma kkuluriti jew li jiġu stampati; u

— Karta dekorattiva imprenjata minn qabel ("PRIP", Pre-impregnated decor paper) hija karta dekorattiva li diġà ġiet imprenjata bir-reżina fl-impjant tal-karta permezz ta' pressa tad-daqs.

(27) Karta dekorattiva tintuża bħala materjal tal-wiċċ għal applikazzjonijiet dekorattivi. L-użu finali tal-karta dekorattiva huwa prinċipalment fl-industriji tal-għamara, tad-disinn intern u tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni bħala laminat fuq materjal ta' rfid.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(28) Il-prodott ikkonċernat huwa karta dekorattiva li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li bħalissa taqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 4802 54 00, ex 4802 55, ex 4805 91 00 u ex 4811 60 00 (kodiċijiet TARIC 4802 54 00 10, 4802 55 15 10, 4802 55 25 10, 4802 55 30 10, 4802 55 90 10, 4805 91 00 10, u 4811 60 00 10) ("il-prodott taħt investigazzjoni").

2.3. **Prodott simili**

(29) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ; u

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(30) F'dan l-istadju l-Kummissjoni ddeċidiet li, għaldaqstant, dawk il-prodotti huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(31) Minħabba li kien hemm provi biżżejjed disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(32) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-data meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ biex jipprovdu informazzjoni rigward l-inputs użati għall-produzzjoni tal-karta dekorattiva. Żewġ produtturi esportaturi ppreżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(33) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(34) Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(35) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bl-iskop li tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

(36) Fit-2 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni informat permezz tal-Ewwel Nota ("l-Ewwel Nota" jew "l-Ewwel Nota tal-FOP") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni ("FOP". factors of production) bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-karta dekorattiva. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri t-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(37) Is-CNFPIA għamlet il-kummenti ġenerali li ġejjin, bi tweġiba għall-"Ewwel Nota tal-FOP": (1) "Ma jeżistux distorsjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fiċ-Ċina u ma ġewx ipprovati mill-Kummissjoni fiċ-Ċina." (2) "Għandhom jiġu sostitwiti biss dawk il-fatturi tal-produzzjoni pprovati li huma distorti." (3) "L-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku fil-każ u l-metodoloġija li tirriżulta minnu hija inkonsistenti mal-Ftehim dwar l-Anti-dumping [("ADA", Anti-dumping Agreement)] tad-WTO." L-ebda parti oħra ma ppreżentat kummenti dwar l-Ewwel Nota tal-FOP. Il-kumment dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, huwa indirizzat fit-Taqsima 3.2.1 hawn taħt fejn il-Kummissjoni ddeskriviet id-distorsjonijiet sinifikanti rilevanti. Fir-rigward tal-kumment dwar il-fatturi tal-produzzjoni, il-Kummissjoni fakkret li, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, ladarba l-Kummissjoni tkun sabet li jeżistu distorsjonijiet sinifikanti, il-kostijiet domestiċi jistgħu jintużaw iżda sal-punt li jiġi stabbilit b'ċertezza li ma humiex distorti, abbażi ta' evidenza akkurata u xierqa. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegata inkonsistenza tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku fil-każ u l-metodoloġija li tirriżulta minnu mad-WTO ADA, il-Kummissjoni tirreferi għat-Taqsimiet 3.2.1.9 u 3.2.1.10 hawn taħt.

(38) Fis-6 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni informat permezz tat-Tieni Nota ("it-Tieni Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali, bit-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Hija informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti bbażati fuq erba' kumpaniji SIAM KRAFT INDUSTRY CO LTD, DOUBLE A (1991) PUBLIC COMPANY, THAI CONTAINERS GROUP CO LTD u SIG COMBIBLOC CO LTD. Ma wasal l-ebda kumment rigward it-Tieni Nota sad-data ta' skadenza.

3.2. **Valur normali**

(39) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur*".

(40) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, *"[f]il-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni"*, u *"għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali"* minn hawn 'il quddiem "SG&A"(administrative, selling and general costs)).

(41) Kif huwa spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(42) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li "*d-distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji prima u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:*

— *is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;*

— *il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;*

— *politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;*

— *in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;*

— *il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;*

— *l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat*."

(43) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku mhijiex kumulattiva, mhuwiex meħtieġ li l-elementi kollha jingħataw għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw biex tintwera l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista.

(44) Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni globali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali sabiex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.

(45) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "[f]*ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet ġustifikati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur*".

(46) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar iċ-Ċina ("ir-Rapport") ([6]), li fih evidenza dwar l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'bosta fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera) kif ukoll f'setturi magħżula (bħas-settur tal-prodotti bbażati fuq l-injam). Il-partijiet interessati ġew mistiedna jirribattu, jikkummentaw, jew jissupplimentaw l-evidenza li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni fiż-żmien tal-bidu. Ir-Rapport ([7]) tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu. L-ilment kien fih ukoll xi evidenza rilevanti li tikkomplementa r-Rapport.

([6]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 10 ta' April 2024, SWD(2024) 91 final. Dan ir-Rapport aġġorna d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni preċedenti dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483.

([7]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, SWD(2017) 483 final/2.

(47) B'mod aktar speċifiku, l-ilmentatur ibbaża ruħu fuq l-evidenza li tinsab fir-Rapport biex jenfasizza l-preżenza ta' distorsjonijiet sinifikanti sistemiċi fl-ekonomija tar-RPĊ, "ekonomija tas-suq soċjalista" fejn il-Partit Komunista Ċiniż ("CCP", Chinese Communist Party) jiggwida kemm lis-settur pubbliku kif ukoll lil dak privat.

(48) L-ilmentatur spjega li l-produzzjoni tal-karta dekorattiva fir-RPĊ hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku u li, b'riżultat ta' dan, mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali. B'mod partikolari, l-ilmentaturi argumentaw dwar il-preżenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-kostijiet tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-karta dekorattiva fir-RPĊ, prinċipalment il-polpa tal-injam u t-TiO2, kif ukoll distorsjonijiet fil-kost tal-enerġija ([8]).

(49) Biex jappoġġa din il-pożizzjoni, l-ilmentatur iddependa ħafna fuq l-evidenza li tinsab fir-Rapport, kif ukoll fuq is-sejbiet f'każijiet preċedenti tal-Kummissjoni.

(50) L-ilmentaturi semmew li l-industrija tal-karta dekorattiva hija parti mis-setturi Ċiniżi tal-forestrija u tal-prodotti tal-injam u fakkru fl-elementi li ġejjin li jindikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti.

(51) L-ewwel nett, is-settur tal-karta dekorattiva huwa soġġett għad-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-materja prima bażika użata għall-manifattura tal-karta dekorattiva, prinċipalment il-polpa tal-injam u t-TiO2:

— Il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tal-Pajjiż taċ-Ċina tal-2017 li ċ-"Ċina tuża firxa wiesgħa ta' strumenti li jippermettulha tinfluwenza b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-materja prima. Billi jżid jew inaqqas b'mod artifiċjali l-livell tal-provvista tal-materja prima, jew sempliċiment billi jistabbilixxi l-prezzijiet b'mod ċentrali, il-gvern jista' jidderieġi l-prezzijiet 'il fuq jew 'l isfel" ([9]). Din il-konklużjoni tapplika kemm għall-materja prima bbażata fuq l-injam kif ukoll għas-sustanzi kimiċi, kif imsemmi b'mod espliċitu fir-Rapport ([10]).

— Barra minn hekk, l-utenti domestiċi tal-polpa tal-injam jiksbu vantaġġ komparattiv inġust minħabba l-impożizzjoni ta' dazji tal-esportazzjoni fuq diversi tipi ta' polpa tal-injam u l-inkoraġġiment ta' investiment barrani fl-industrija Ċiniża tal-ipproċessar tal-injam ([11]).

— Fl-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("*FYP*", Five-Year Plan) tiegħu, il-Gvern taċ-Ċina ("*GTĊ*") jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġati u żviluppati l-industriji tal-manifattura tal-karta u tal-kimiċi, billi jiddikjara li *"se jittrasforma u jaġġorna l-industriji tradizzjonali* […] *jħaffef t-trasformazzjoni u t-titjib tal-intrapriżi f'industriji ewlenin bħall-industrija tal-kimika u tal-produzzjoni tal-karta u jtejjeb is-sistema ta' manifattura ekoloġika"* ([12]). L-istess japplika għall-industrija tal-foresti, fejn *"se jtejjeb l-infrastruttura tal-azjendi agrikoli tal-foresti u taż-żoni tal-foresti tal-Istat"* ([13]).

([8]) Il-polpa tal-injam u s-sustanzi kimiċi huma l-materjali ewlenin ta' input għall-produzzjoni tal-karta dekorattiva, bil-polpa tal-injam li tinkludi bejn 15 u 30 % tal-kost totali tal-produzzjoni tal-karta dekorattiva. It-TiO2 u l-fillers (pereż. flexonyl jew l-ossidu tal-ħadid) huma s-sustanzi kimiċi ewlenin użati u jirrappreżentaw sa 50 % tal-kostijiet tal-produzzjoni tal-karta dekorattiva.

([9]) Ir-Rapport, p. 358.

([10]) Ir-Rapport, p. 320.

([11]) Ir-Rapport, p. 357.

([12]) L-14-il Pjan ta' Ħames Snin tal-Gvern taċ-Ċina, p. 26, disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0284_14th_Five_Year_Plan_EN.pdf (aċċessat fil-21 ta' Novembru 2024).

([13]) L-14-il Pjan ta' Ħames Snin tal-Gvern taċ-Ċina, p. 9, 85, disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0284_14th_Five_Year_Plan_EN.pdf (aċċessat fil-21 ta' Novembru 2024).

— Il-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija tal-2019, jistabbilixxi miri speċifiċi ta' produzzjoni għal diversi forom ta' polpa tal-injam u jsemmi diversi setturi tal-produzzjoni tal-karta u tal-polpa tal-injam li għandhom jiġu eliminati jekk il-kapaċitajiet annwali ma jintlaħqux ([14]). Dan l-appoġġ jaqbel bi sħiħ mas-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ, u jixpruna r-riżorsi lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern ([15]).

— B'mod simili għall-14-il FYP għall-Forestrija, li għandu l-għan li jappoġġa l-użu tal-injam bħala materja prima ([16]), is-settur tas-sustanzi kimiċi huwa soġġett ukoll għal intervent mill-gvern. Aktar minn nofs il-produzzjoni totali tas-sustanzi kimiċi fir-RPĊ hija koperta mill-intrapriżi tal-Istat (*"SOEs"*, state-owned enterprises) ([17]).

(52) It-tieni, is-settur tal-karta dekorattiva huwa soġġett għad-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-enerġija:

— Il-Kummissjoni rrappurtat li "kunsiderazzjonijiet normali tas-suq ma jipprevalux fis-suq Ċiniż għall-enerġija, minħabba l-intervent sinifikanti mill-Istat fil-produzzjoni u l-ipprezzar" ([18]). Fir-RPĊ, madwar 50 % tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija hija proprjetà tal-Istat, bil-grilja tal-elettriku kollha kkontrollata minn żewġ intrapriżi tal-Istat: State Grid Corporation of China u China Southern Power Grid ([19]). Il-prezzijiet tal-enerġija huma stabbiliti ċentralment mid-Dipartiment tal-Prezzijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma, bl-użu ta' strateġiji ta' divrenzjar tal-prezzijiet għall-benefiċċju tal-"industriji mħeġġa" ([20]), inkluż dik tal-manifattura tal-karta. Fil-livell provinċjali, jiġu applikati wkoll politiki addizzjonali ta' divrenzjar tal-prezzijiet ([21]). L-intervent tal-GTĊ spiss jinvolvi l-provvista tal-enerġija b'rati sussidjati jew b'ribassi ([22]).

— Barra minn hekk, il-produtturi tal-karta dekorattiva, inklużi Zhejiang Kingdecor Paper u Hangzhou Huawang New Material Technology, jistgħu jibbenefikaw minn rati tal-elettriku preferenzjali imposti f'ċerti żoni industrijali li għalihom jappartjenu l-faċilitajiet tal-produzzjoni tagħhom ([23]). Barra minn hekk, f'xi oqsma, l-awtoritajiet bdew jixtru u jbigħu l-elettriku huma stess ([24]).

— Il-kostijiet tal-enerġija fir-RPĊ huma wkoll indirettament distorti mid-deċiżjoni tal-gvern li jnaqqas il-prezzijiet tal-elettriku mħaddem bil-faħam. Dan bil-għan li jiġi kkontrollat it-tkabbir eċċessiv fil-kapaċità li rriżulta minn sussidji sostanzjali preċedenti għall-produzzjoni tal-faħam ([25]).

([14]) Il-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija tal-2019, p. 38 u t-Taqsima III.12. Ara wkoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1648 tal-21 ta' Awwissu 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti karti fini miksijin li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Karta fina miksija, AD 2023"), (ĠU L 207, 22.8.2023, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1648/oj), il-premessa 67.

([15]) Karta fina miksija, AD 2023, il-premessa 65.

([16]) Il-Pjan ta' Żvilupp Settorjali tal-Foresti u l-Artijiet bil-Ħaxix tal-GTĊ (2021-2025), p. 9, 10.

([17]) Ir-Rapport, p. 101.

([18]) Ir-Rapport, p. 294.

([19]) Ir-Rapport, p. 265.

([20]) Ir-Rapport, p. 265.

([21]) Ir-Rapport, p. 265.

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/367 tal-1 ta' Marzu 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("Pannelli solari, AS 2017"), (ĠU L 56, 3.3.2017, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/367/oj), il-premessi 464-465.

([23]) Ir-Rapport, p. 275.

([24]) Ir-Rapport, p. 278.

([25]) Ir-Rapport, p. 289.

(53) It-tielet, il-produtturi tas-settur tal-karta dekorattiva għandhom aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' politika pubblika jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat:

— Fir-rapport, il-Kummissjoni ddeskriviet il-kontinwità bejn il-gvern u l-aspetti ewlenin kollha tas-sistema finanzjarja fir-RPĊ, u kkonkludiet li "*din tirrifletti sitwazzjoni distorta li de facto mhijiex komparabbli ma' ekonomiji oħra bbażati fuq is-suq*" ([26]).

— Bħala tali, is-sistema finanzjara tirrikjedi wkoll li l-banek privati jappoġġaw lill-industriji mħeġġa f'konformità mal-pjanijiet ta' politika governattivi. Pereżempju l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja Kummerċjali Nru 34 tal-2015 jiddikjara li "*banek kummerċjali għandhom jagħmlu n-negozju ta' self tagħhom skont il-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat*".

— Kif ikkonfermat mill-Kummissjoni f'diversi investigazzjonijiet, l-iżvilupp ta' industriji mħeġġa, bħal dik tal-manifattura tal-karta, huwa segwit b'mod attiv mill-GTĊ bħala objettiv ta' politika pubblika, inkluż permezz ta' self preferenzjali ([27]).

(54) Ir-raba', bħal f'setturi oħra tal-ekonomija Ċiniża, is-settur tal-karta dekorattiva huwa soġġett għad-distorsjonijiet li jirriżultaw minn politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles ([28]).

(55) Il-ħames, is-settur tal-karta dekorattiva huwa soġġett għad-distorsjonijiet li jirriżultaw min-nuqqas, mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà ([29]).

(56) Is-sitt, il-kostijiet tal-pagi huma distorti fis-settur tal-karta dekorattiva wkoll ([30]).

(57) Bħala konklużjoni, l-ilmentatur argumenta li hemm distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fis-settur tal-karta dekorattiva.

(58) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl.

(59) Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija taċ-Ċina inġenerali, iżda anke s-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka proprja tagħha dwar id-diversi kriterji rilevanti sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina.

([26]) Ir-Rapport, p. 180.

([27]) Ara pereż., ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 452/2011 tas-6 ta' Mejju 2011 li jimponi dazju definittiv kontra s-sussidji fuq l-importazzjonijiet ta' karta fina miksija li toriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("Karta fina miksija, 2011 AS"), (ĠU L 128, 14.5.2011, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/452/oj), il-premessa 75; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1187 tat-3 ta' Lulju 2017 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta fina miksija li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Karta fina miksija, AS 2017"), (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 134, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/1187/oj), il-premessa 52; Karta fina miksija, AD 2023, il-premessa 53; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1647 tal-21 ta' Awwissu 2023 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta fina miksija li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Karta fina miksija, AS 2023"), (ĠU L 207, 22.8.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1647/oj), il-premessi 55-72.

([28]) Ir-Rapport, p. 2.

([29]) Ibid.

([30]) Ibid.

3.2.1.1. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina

(60) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa stabbilit fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika taċ-Ċina. Il-prinċipju ewlieni huwa s-"*sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjieda mill-poplu kollu u s-sjieda kollettiva mill-ħaddiema*" ([31]).

(61) L-ekonomija tal-Istat hija l-"*forza ewlenija fl-ekonomija nazzjonali*" u l-Istat għandu l-mandat li jiżgura l-"*konsolidazzjoni u t-tkabbir*" tagħha ([32]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija, iżda tali interventi għandhom mandat espliċitu. Il-kunċett ta' supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifrux fis-sistema legali kollha kemm hi u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha.

(62) Il-liġi tal-proprjetà Ċiniża hija eżempju ewlieni: din tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li permezz tagħha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Jiġu ttollerati forom oħrajn ta' sjieda, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat ([33]).

(63) Barra minn hekk, skont il-liġi Ċiniża, l-ekonomija tas-suq soċjalista tiġi żviluppata taħt it-tmexxija tas-CCP. L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma minsuġa ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jiffurmaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u dawk tal-Istat.

(64) Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni.

(65) Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "[i]*s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*" iddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li taqra: "[i]*l-karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina*" ([34]). Dan juri l-kontroll assolut u dejjem ikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika taċ-Ċina.

(66) Din it-tmexxija u l-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f'pajjiżi oħrajn fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limitazzjonijiet tiegħu joperaw il-forzi tas-suq ħieles.

(67) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq għanijiet li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([35]). L-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi huma diversi, inkluża s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.

(68) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv kumplessiv, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniżi hija rregolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u ta' politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern.

(69) Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma dettaljati filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi biex jiġu sostnuti l-industriji/is-setturi rilevanti kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom iridu jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri tal-output espliċiti.

([31]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 2, p. 7.
([32]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 2, p. 7-8.
([33]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 2, p. 10, 18.
([34]) Ara: http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node_2825.html (aċċessat fit-18 ta' Novembru 2024).
([35]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 2, p. 29-30.

(70) Skont il-pjanijiet, qegħdin jiġu identifikati setturi u/jew proġetti industrijali individwali bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) f'konformità mal-prijoritajiet tal-gvern, u qegħdin jiġu attribwiti lilhom għanijiet ta' żvilupp speċifiċi (titjib industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.).

(71) Kemm l-operaturi ekonomiċi, dawk privati kif ukoll dawk tal-Istat, jeħtiġilhom jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan mhuwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet, iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema tal-pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont din is-sistema, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ([36]).

(72) It-tieni, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja taċ-Ċina hija ddominata mill-banek kummerċjali u ta' politika tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari ([37]).

(73) L-istess japplika għall-komponenti l-oħra tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li ma humiex intenzjonati biex jimmassimizzaw il-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-Istat u mis-CCP ([38]).

(74) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu diversi forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha mhijiex definita, u b'hekk tħalli marġni wiesa' ta' apprezzament għall-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ([39]).

(75) B'mod simili, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u d-daqs kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([40]).

(76) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jħeġġu diversi interventi tal-gvern. Tali interventi sostanzjali tal-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, u dan iwassal għad-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi skont il-prinċipji tas-suq ([41]).

3.2.1.2. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur.

([36]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 4, p. 57, 92.
([37]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, p. 149-150.
([38]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, p. 153-171.
([39]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 7, p. 204-205.
([40]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 8, p. 207-208, 242-243.
([41]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 2, p. 19-24, il-Kapitolu 4, p. 69, p. 99-100, il-Kapitolu 5, p. 130-131.

(77) Fiċ-Ċina, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

(78) Is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa servut prinċipalment minn kumpaniji privati, bħal Hangzhou Huawang New Material Technology (imsejħa wkoll "Huawon") ([42]), Zhejiang Kingdecor Paper ([43]), Qifeng New Materials ([44]), jew Zhejiang Hengda New Materials ([45]).

(79) Madankollu, l-investigazzjoni stabbiliet li l-materja prima ewlenija użata għall-produzzjoni tal-karta dekorattiva, jiġifieri l-polpa tal-injam u t-TiO2, hija servuta miż-żewġ SOEs. Pereżempju, is-settur tal-polpa tal-injam huwa servut minn diversi kumpaniji kkontrollati mill-Istat bħal Fujian Qingshan Paper Industry Co. ([46]) u Shandong Chenming Paper Holding Co ([47]).

(80) Barra minn hekk, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1923 ([48]) li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("TiO2"), il-Kummissjoni stabbiliet li s-settur tat-TiO2 huwa servut ukoll minn għadd ta' kumpaniji kkontrollati mill-Istat, bħal Pangang Group Vanadium and Titanium Resources, Ltd. ([49]) ("*Pangang*") parti minn Pangang Group, sussidjarja tal-grupp SOE Anshan Iron and Steel Group ("*Ansteel*") ([50]), kellha grad sinifikanti ta' sjieda tal-Istat (aktar minn 54 %) ([51]).

(81) Fujian Qingshan Paper Industry Co. tiddikjara li "*Fl-istadju l-ġdid tal-iżvilupp, il-kumpanija se tkun iggwidata mill-Ħsieb ta' Xi Jinping dwar is-Soċjaliżmu b'Karatteristiċi Ċiniżi għal Era Ġdida*." ([52]) Barra minn hekk, l-Artikolu 98 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-kumpanija jistipula li "*Il-kumitat tal-Partit tal-kumpanija għandu jwettaq dmirijietu f'konformità mal-kostituzzjoni tal-Partit u ma' regolamenti oħra tal-Partijiet: (i) jiżgura s-superviżjoni tal-politiki tal-Partit u tal-istat u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-arranġamenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit, tal-Kunsill tal-Istat, tal-Kumitat tal-Partit Provinċjali u tal-Gvern Provinċjali fil-kumpanija*" ([53]). Bl-istess mod, il-kumitat ta' Shandong Chenming Paper Holding Co's Party jsostni li "[k]*ull fejn tiżviluppa l-intrapriża, l-organizzazzjoni tal-Partit se tiġi stabbilita, kull fejn ikunu l-punti ewlenin, il-ħidma tal-bini tal-Partit se tiġi estiża, sabiex jinkisbu r-reżonanza, l-integrazzjoni reċiproka u l-progress bejn il-bini tal-Partit u l-produzzjoni, l-operat u l-ġestjoni.*" ([54])

(82) Barra minn hekk, l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma mhux biss fl-SOEs, iżda wkoll f'kumpaniji privati ([55]), bis-CCP jiddikjara tmexxija fuq prattikament kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż. Fil-fatt, l-influwenza tal-Istat permezz tal-istrutturi tas-CCP fil-kumpaniji effettivament tirriżulta f'li l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt il-kontroll u s-superviżjoni tal-politika tal-gvern, minħabba li l-istrutturi tal-Istat u tal-Partit kibru flimkien sa punt avvanzat fiċ-Ċina.

([42]) Ara: https://www.hwpaper.cn/ (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([43]) Ara: https://www.kingdecor.cn/sort_8.html (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([44]) Ara: http://www.qifeng.cn/ (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([45]) Ara: https://cn.hengdaxincai.com/tzzgx.html (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([46]) Ara p. 79, disponibbli fuq: http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESH_STOCK/2024/2024-4/2024-04-02/9935660.PDF (aċċessat fit-18 ta' Novembru 2024).
([47]) Ara p. 144, disponibbli fuq: http://www.chenmingpaper.com/Uploadfile/pdf/20240329100700346 9.pdf, (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([48]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1923 tal-10 ta' Lulju 2024 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/1923, 11.7.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1923/oj), premessa 133.
([49]) Ara https://www.pgvt.cn/index.php?s=Home/Article/lists/art_type/strat_index (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([50]) Ara http://www.ansteel.cn/yewubankuai/fantaichanye/2016-11-18/5.html (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([51]) Ara r-Rapport Annwali tal-kumpanija għall-2023, p. 73, disponibbli fuq: https://static.cninfo.com.cn/finalpage/2024-03-26/1219403167.PDF (aċċessat fit-30 April 2024).
([52]) Ara: http://www.qingshanpaper.com/intro/12.html (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([53]) Ara: http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESH_STOCK/2018/2018-4/2018-04-17/4241785.PDF (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([54]) Ara: http://www.chenmingpaper.com/about/djgz.aspx (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).
([55]) Ara l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Liġi Ċiniża dwar il-Kumpaniji. Ara wkoll ir-Rapport, il-Kapitolu 3, p. 47-50.

(83) Is-settur tal-karta dekorattiva huwa soġġett ukoll għal diversi politiki tal-gvern, peress li s-settur tal-polpa tal-injam ġie elenkat bħala industrija mħeġġa kemm fil-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament Strutturali tal-Industrija tal-2019 ([56]), kif ukoll fil-verżjoni aġġornata tiegħu tal-2024 ([57]). Bl-istess mod, u kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1923 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([58]), il-verżjoni tal-2024 tal-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament Strutturali tal-Industrija tindirizza direttament is-settur tat-TiO2 billi telenka l-proċess tal-aċidu sulfuruż tat-TiO2 bħala industrija ristretta, filwaqt li l-verżjoni tiegħu tal-2019 telenka l-proċess tal-klorur tat-TiO2 bħala wieħed imħeġġeġ ([59]).

(84) Barra minn hekk, l-14-il FYP dwar l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-perspettivi tal-2035 jistabbilixxi l-objettiv li ġej: "*It-trasformazzjoni u t-titjib tal-industriji tradizzjonali, il-promozzjoni tal-ottimizzazzjoni tat-tqassim u l-aġġustament strutturali tal-industriji tal-materja prima bħall-petrokimiċi, l-azzar, il-metalli mhux ferruż, u l-materjali tal-bini, l-espansjoni tal-provvista ta' prodotti ta' kwalità għolja bħall-industrija ħafifa u t-tessuti, l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni u t-titjib ta' industriji ewlenin bħal dawk tal-kimiċi u tal-produzzjoni tal-karta* ([60])."

(85) Barra minn hekk, l-Opinjoni Gwida dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija Ħafifa tal-2022 ([61]) tirrikjedi l-"*Aċċellerazzjoni tal-avvanzi fit-teknoloġiji ewlenin: Fir-rigward tar-rabtiet dgħajfa fl-industriji bħall-manifattura tal-karta (…) se jiġu eżaminati, imfassla u rilaxxati għadd ta' pjani direzzjonali ta' innovazzjoni teknoloġika f'oqsma ewlenin (…) se jiġu approfonditi u mrawma r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, l-inġinerija u l-industrijalizzazzjoni, se jitħaffef l-istabbiliment ta' sistemi teknoloġiċi ewlenin, u se jiżdied il-livell teknoloġiku tal-industrija* ([62])"u "*se jiġu mrawma għadd ta' xenarji eminenti tal-manifattura intelliġenti f'industriji bħall-[…] manifattura tal-karta* ([63])."

(86) Il-kontroll u s-superviżjoni tal-politika mill-gvern jistgħu jiġu osservati wkoll fil-livell tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti ([64]). Pereżempju, iċ-China National Forest Products Industry Association ("CNFPIA") waqqfet kumitat speċjali dwar il-karta dekorattiva ([65]). Fl-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, is-CNFPIA tiddikjara li l-organizzazzjoni "*taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni tan-negozju mill-entitajiet inkarigati mir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, minn entitajiet responsabbli mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija*" ([66]).

(87) Hangzhou Huawang New Material Technology huwa membru tas-CNFPIA u jservi bħala viċi president tal-kumitat speċjali tas-CNFPIA dwar il-karta dekorattiva ([67]).

([56]) Ara t-Taqsima I.19.1, paġna 43, disponibbli fuq: https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf, (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).

([57]) Ara t-Taqsima I.19.1, paġna 44, disponibbli fuq: https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/fzggwl/202312/P020231229700886191069.pdf, (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).

([58]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1923, premessa 159.

([59]) Għall-metodu tal-proċess tal-aċidu sulfuriku, ara l-Katalogu ta' Gwida tal-2024, p. 88 (fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2024) disponibbli fuq https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/fzggwl/202312/P020231229700886191069.pdf (aċċessat fit-18 ta' Novembru 2024). Il-metodu ġie elenkat bħala ristrett fil-Katalogu ta' Gwida tal-2019, p. 84, ukoll. Għall-metodu tal-proċess tal-klorur, ara l-Katalogu ta' Gwida tal-2019, p. 15 (fis-seħħ sal-31 ta' Jannar 2024), disponibbli fuq https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf (aċċessat fit-18 ta' Novembru 2024).

([60]) Ara t-Taqsima III.8, disponibbli fuq: http://www.xinhuanet.com/2021-03/13/c_1127205564.htm, (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).

([61]) Ara: https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-06/19/content_5696665.htm, (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).

([62]) Ibid, il-paragrafu 3.

([63]) Ibid, il-paragrafu 12.

([64]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 2, p. 24-27.

([65]) Ara: http://www.cnfpia.org/sf_8A67D37C5FBF469EB7F2E8CEFF0B36E5_297_4AAFEFB7475.html (aċċessat fid-19 ta' Novembru 2024).

([66]) Ara: http://www.cnfpia.org/about-law.html (aċċessat fil-15 ta' Novembru 2024).

([67]) Ara p. 11, Ir-rapport annwali ta' Hangzhou Huawang New Material Technology's għall-2023, disponibbli fuq: https://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESH_STOCK/2024/2024-4/2024-04-29/10136207.PDF, (aċċessat fid-19 ta' Novembru 2024).

(88) Zhejiang Kingdecor Paper hija wkoll membru tas-CNFPIA u sservi bħala direttur tal-kumitat speċjali tas-CNFPIA dwar il-karta dekorattiva ([68]).

(89) Konsegwentement, anke l-produtturi privati fis-settur tal-prodott ikkonċernat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Fil-fatt, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u gwida ta' politika.

3.2.1.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku: il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet

(90) Il-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Tabilħaqq, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm jekk tal-Istat kif ukoll privati, jirrappreżentaw mezz importanti li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali.

(91) Skont il-liġi tal-kumpaniji taċ-Ċina, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP f'kull kumpanija (b'mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([69])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit.

(92) Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, is-CCP ilu mill-inqas mill-2016 isaħħaħ l-affermazzjonijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku ([70]), inkluż l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u biex isegwu d-dixxiplina tal-Partit ([71]).

(93) Fl-2018, diġà kien ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-Partit f'73 % ta' madwar 2,57 miljun kumpanija privata, bi pressjoni dejjem tikber biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([72]). Dawn ir-regoli huma ta' applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott ikkonċernat u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(94) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titolu General Office of CCP Central Committee's Guidelines on stepping up the United Front work in the private sector for the new era (*"il-Linji Gwida"*) ([73]), li kompla jespandi r-rwol tal-kumitati tal-Partit f'intrapriżi privati.

(95) It-Taqsima II.4 tal-Linji Gwida tistabbilixxi li: "[i]*rridu nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Partit li jmexxi l-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat u jżid b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam*"; u t-Taqsima III.6 tistabbilixxi li: "[i]*rridu nżidu aktar il-konsolidazzjoni tal-Partit f'intrapriżi privati u nippermettu liċ-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nippermettu lill-membri tal-Partit iwettqu l-partijiet tagħhom bħala vangwardji u pijunieri*". Għalhekk, il-Linji Gwida jenfasizzaw u jfittxu li jżidu r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħrajn tas-settur privat ([74]).

([68]) Ara: https://www.kingdecor.cn/list_269.html, (aċċessat fid-19 ta' Novembru 2024).
([69]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 3, p. 40.
([70]) Ara pereżempju: Blanchette, J. - Xi's Gamble: *The Race to Consolidate Power and Stave off Disaster*, Foreign Affairs, vol. 100, nru 4, Lulju/Awwissu 2021, p. 10-19.
([71]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 3, p. 41.
([72]) Ara: https://merics.org/en/comment/who-ccp-chinas-communist-party-infographics (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([73]) General Office of CCP Central Committee's Guidelines on stepping up the United Front work in the private sector for the new era, ara: www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([74]) Financial Times (2020) - Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise, ara: https://on.ft.com/3mYxP4j (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

(96) Din l-investigazzjoni kkonfermat li jeżistu wkoll koinċidenzi bejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u s-sħubija / il-funzjonijiet tas-CCP fis-settur tal-karta dekorattiva. Bħala eżempju, membru tal-bord tad-diretturi ta' Xianhe, il-kumpanija azzjonarja ta' Kingdecor, iservi wkoll bħala s-segretarju tal-Partit tal-kumpanija ([75]). Kif sabet l-investigazzjoni, Xianhe *"wieġbet għas-sejħa tal-kumitat ċentrali tal-Partit u integrat b'mod attiv fix-xejra l-ġdida tal-iżvilupp."* ([76])

(97) Eżempju ieħor ta' din il-koinċidenza bejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u s-sħubija / il-funzjonijiet tas-CCP, huwa l-każ ta' Qifeng New Material, li l-president tal-bord tad-diretturi tagħha huwa membru tas-CCP ([77]). Fl-2023, Qifeng New Material, *"aderiet mal-gwida tal-Ħsieb ta' Xi Jinping dwar is-Soċjaliżmu b'Karatteristiċi Ċiniżi għal Era Ġdida, u taħt it-tmexxija b'saħħitha tal-Kumitat tal-Partit u tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija, [il-kumpanija] esplorat b'mod attiv kemm is-swieq internazzjonali kif ukoll dawk domestiċi."* ([78])

(98) Eżempju addizzjonali nstab f'Fujian Qingshan Paper Industry Co. fejn il-president tal-bord tad-diretturi jservi wkoll bħala segretarju tal-kumitat tal-Partit ([79]). Fl-ewwel nofs tal-2024, il-kumpanija *"aderiet mal-gwida tal-Ħsieb ta' Xi Jinping dwar is-Soċjaliżmu b'Karatteristiċi Ċiniżi għal Era Ġdida, saħħet b'mod komprensiv il-bini tal-partit, [u] ippromwoviet b'mod attiv l-integrazzjoni profonda tal-bini tal-partit u tan-negozju tal-produzzjoni u tal-operat"* ([80]).

(99) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji kif ukoll fil-provvediment tal-materja prima u tal-inputs għandhom effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq ([81]). Għalhekk, il-preżenza tal-Istat f'ditti, fis-settur tal-karta dekorattiva u f'setturi oħrajn (bħas-setturi finanzjarji u tal-inputs) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u l-kostijiet.

3.2.1.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

(100) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru prattikament is-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet skont il-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern.

(101) B'mod kumplessiv, is-sistema tal-ippjanar fiċ-Ċina tirriżulta fit-tmexxija ta' riżorsi lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew b'xi mod ieħor politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq ([82]).

([75]) Ara r-Rapport Annwali ta' Xianhe għall-2023, p. 47, disponibbli fuq: https://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESH_STOCK/2024/2024-4/2024-04-27/10119843.PDF (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024).

([76]) Ara r-rapport ta' nofs is-sena ta' Xianhe għall-2024, p. 22, disponibbli fuq: http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESH_STOCK/2024/2024-8/2024-08-15/10375049.PDF (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024).

([77]) Ara r-Rapport Annwali ta' Qifeng għall-2023, p. 27, disponibbli fuq²: http://www.qifeng.cn/public/upload/file/20240417/1713317915129159.pdf (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024).

([78]) Ara r-Rapport Annwali ta' Qifeng għall-2023, p. 13, disponibbli fuq: http://www.qifeng.cn/public/upload/file/20240417/1713317915129159.pdf (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024).

([79]) Ara: http://www.qingshanpaper.com/news/10237.html (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024) kif ukoll fir-rapport ta' nofs is-sena tal-kumpanija għall-2024, p. 49 disponibbli fuq: https://www.sse.com.cn/disclosure/listedinfo/announcement/c/new/2024-08-20/600103_20240820_CTDO.pdf (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024).

([80]) Ara: http://www.qingshanpaper.com/news/10237.html (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024) kif ukoll fir-rapport ta' nofs is-sena tal-kumpanija għall-2024, p. 11 disponibbli fuq: https://www.sse.com.cn/disclosure/listedinfo/announcement/c/new/2024-08-20/600103_20240820_CTDO.pdf (aċċessat fil-25 ta' Novembru 2024).

([81]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 12.

([82]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 4, p. 56-57, 99-100.

(102) L-awtoritajiet Ċiniżi ppromulgaw għadd ta' politiki li jiggwidaw il-funzjonament tas-settur tal-karta dekorattiva.

(103) Pereżempju, fl-14-il FYP tagħha dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u l-perspettivi tal-2035, il-provinċja ta' Shandong beħsiebha *"tottimizza u taġġorna l-industriji tradizzjonali: […] tottimizza u tirfina l-industriji klassiċi bħat-tessuti u l-ħwejjeġ, l-ikel, il-manifattura tal-karta, […]"* ([83]).

(104) Barra minn hekk, l-14-il FYP speċjali tal-provinċja ta' Fujian dwar l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Manifattura jirrikjedi li *"ssir enfasi fuq it-titjib tal-kwalità tal-karta domestika, tal-karta u l-kartun tal-imballaġ, tal-karta u l-kartun speċjali, jiġu ottimizzati l-istruttura tal-varjetajiet, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-użu komprensiv tar-riżorsi tal-polpa u tal-fibra tal-karta* ([84])".

(105) Barra minn hekk, fil-livell provinċjali, il-Pjan Speċjali ta' Fujian għall-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Manifattura matul il-perjodu tal-FYP tal-14, jispeċifika li għall-*"produzzjoni tal-karta u l-prodotti tal-karta: [il-Gvern għandu] jiggwida (…) lil Qingshan paper u intrapriżi oħra biex jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità tal-innovazzjoni indiġena, jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-integrazzjoni tad-disinn u jittejjeb il-livell tal-proċess tal-produzzjoni, it-teknoloġija u t-tagħmir* ([85])".

(106) Barra minn hekk, fil-provinċja ta' Zhejiang, l-investigazzjoni kkonfermat l-eżistenza ta' politiki preferenzjali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-banek tal-Istat lejn il-manifatturi tal-karti peress li l-provinċja *"tiggwida lill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-kontea ta' Longyou biex itejbu l-ambjent finanzjarju tal-intrapriżi ewlenin, tkompli tottimizza s-servizzi finanzjarji, iżżid l-appoġġ għall-ekonomija reali, speċjalment għall-industrija tal-karta* ([86])."

(107) Barra minn hekk, l-inputs użati għall-produzzjoni ta' karta dekorattiva huma wkoll soġġetti għal politiki governattivi. B'mod aktar speċifiku, dan huwa l-każ għall-polpa tal-injam li hija koperta mill-14-il FYP tar-RPĊ dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Foresti u tal-Artijiet bil-Ħaxix (2021–2025) ([87]) ("l-14-il FYP tal-Foresta") li jirrikjedi fir-rigward tal-*"polpa u l-produzzjoni tal-karta: [biex] jiġu aċċellerati l-eliminazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni obsoleta u jitnaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu [u] biex tiġi promossa t-trasformazzjoni teknoloġika u jittejjeb l-użu tal-enerġija u tal-materja prima*". L-investigazzjoni fis-settur tat-TiO2 sabet ukoll li l-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iġiegħel lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jikkonċernaw dak is-settur ([88]).

(108) Għalhekk, permezz ta' dawn il-mezzi u ta' mezzi oħrajn, il-GTĊ jidderieġi u jikkontrolla kważi kull aspett fl-iżvilupp u l-funzjonament tas-settur, kif ukoll l-inputs upstream.

(109) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iġiegħel lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jikkonċernaw is-settur. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

3.2.1.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà

(110) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża dwar il-falliment ma timplimentax b'mod adegwat l-objettivi ewlenin tagħha bħal pereżempju s-saldu ġust tal-pretensjonijiet u tad-dejn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment hija bbażata b'mod formali fuq prinċipji simili għal dawk applikati f'liġijiet korrispondenti ta' pajjiżi oħrajn ħlief iċ-Ċina, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku.

([83]) Ara t-Taqsima IV.12, paġna 27, disponibbli fuq: https://www.ndrc.gov.cn/fggz/fzzlgh/dffzgh/202105/P020210513602621066980.pdf (aċċessat fid-19 ta' Novembru 2024).
([84]) Ara: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20210707/1162695.shtml, (aċċessat fit-18 ta' Novembru 2024).
([85]) Ara: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20210707/1162695.shtml (aċċessat fis-26 ta' Novembru 2024).
([86]) Ara: https://jxt.zj.gov.cn/art/2022/12/19/art_1229123455_5040362.html (aċċessat fis-26 ta' Novembru 2024).
([87]) Ara l-kaxxa 8.3, paġna 39, http://www.forestry.gov.cn/c/www/lczc/44287.jhtml (aċċessat fid-19 ta' Novembru 2024).
([88]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1923, il-premessi (153–172).

(111) L-għadd ta' fallimenti għadu magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-inqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza għandhom għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għad-dikjarazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, u ta' spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([89]).

(112) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet tal-proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tal-art u d-drittijiet tal-użu tal-art fiċ-Ċina ([90]). L-art kollha hija proprjetà tal-Istat (art rurali bi sjieda kollettiva u art urbana proprjetà tal-Istat) u l-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezzijiet tas-suq, pereżempju, billi jintroduċu proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet spiss ma jiġux rispettati, u ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([91]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([92]).

(113) L-istess bħas-setturi l-oħrajn fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-prodott ikkonċernat huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġi Ċiniża dwar il-falliment, is-soċjetarji u l-proprjetà. L-effett ta' dan huwa li anke dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà. Dawk il-kunsiderazzjonijiet, abbażi tal-evidenza disponibbli, jidhru li huma applikabbli bis-sħiħ anke fis-settur tal-forestrija u tal-ipproċessar tal-injam, u għalhekk fis-settur tal-karta dekorattiva. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

(114) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-prodott ikkonċernat.

3.2.1.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni

(115) Sistema ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa bis-sħiħ fiċ-Ċina minħabba li l-ħaddiema u l-impjegaturi huma mxekkla fid-drittijiet tagħhom għal organizzazzjoni kollettiva. Iċ-Ċina ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([93]).

(116) Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni waħda biss tat-trade unions hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu elementari ([94]). Barra minn hekk, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari.

(117) Din tipikament twassal biex il-ħaddiema li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni tar-residenza lokali jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([95]).

(118) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-karta dekorattiva ma jkunx soġġett għas-sistema Ċiniża tal-liġi tax-xogħol deskritta. Għalhekk, is-settur huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (meta jimmanifattura l-prodott ikkonċernat jew il-materja prima prinċipali għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (meta jkollu aċċess għal kapital jew inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tal-manodopera fiċ-Ċina).

([89]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, pp. 171-179.
([90]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 9, pp. 260-261.
([91]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 9, pp. 257-260.
([92]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 9, pp. 252-254.
([93]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 13, p. 360-361, 364-370.
([94]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 13, p. 366.
([95]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 13, pp. 370-373.

3.2.1.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

(119) L-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fiċ-Ċina huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

(120) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([96]), li, meta jagħtu aċċess għall-finanzjament, iqisu kriterji oħra għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbuta mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([97]) u jimplimentaw b'mod regolari ordnijiet pubbliċi mfassla mill-GTĊ.

(121) Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([98]). Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, il-biċċa l-kbira tal-evidenza, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

(122) Pereżempju, il-GTĊ iċċara li anke deċiżjonijiet tal-banek kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet globali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ([99]). Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa jridu, b'mod partikolari, iqisu kif l-entitajiet "*jaqdu l-objettivi nazzjonali tal-iżvilupp u l-ekonomija reali*", u b'mod partikolari kif "*jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti*" ([100]).

(123) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu spiss ikunu distorti għal varjetà ta' raġunijiet inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju hija influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u s-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita mill-gvern ([101]). Dan huwa aggravat minn regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi f'setturi ddeżinjati mill-gvern bħala mheġġa jew b'xi mod ieħor importanti ([102]). Dan jirriżulta f'tendenza favur li jingħata self lill-SOEs, lil ditti privati kbar u b'konnessjonijiet tajbin u lil ditti f'setturi industrijali ewlenin, u dan jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital ma humiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(124) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali sabiex jiġi stimulat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profittabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi operati fis-sistema bankarja ma jsegwux risponsi kummerċjali normali.

([96]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, pp. 137-140.
([97]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, pp. 146-149.
([98]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, p. 149.
([99]) Ara l-*Pjan ta' Azzjoni ta' tliet snin għat-titjib tal-governanza korporattiva tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni (2020–2022)* maħruġ mill-Kummissjoni Regolatorja Bankarja u tal-Assigurazzjoni taċ-Ċina ("*CBIRC*", China Banking and Insurance Regulatory Commission) fit-28 ta' Awwissu 2020; disponibbli fuq: http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024). Il-Pjan jagħti struzzjonijiet biex "*ikompli jiġi implimentat l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz fir-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju*". Barra minn hekk, it-Taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "*se nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri* […] *Il-Kumitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u maniġerjali ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri*".
([100]) Ara n-*Notice on the Commercial banks performance evaluation method*, maħruġa mis-CBIRC fil-15 ta' Diċembru 2020, disponibbli fuq: http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([101]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, pp. 157-158.
([102]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 6, pp. 150-152, 156-160, 165-171.

(125) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet il-liberalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax nominali, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem tas-self bir-rata normattiva jew taħtha kien għadu jirrappreżenta mill-inqas terz tas-self kollu sa tmiem l-2018 ([103]). Il-media uffiċjali fiċ-Ċina dan l-aħħar irrapportat li s-CCP talab *"li r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self tiġi ggwidata 'l isfel"* ([104]). Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi twaqqigħ tal-prezzijiet, u konsegwentement, fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(126) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fiċ-Ċina jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr ebda sinjal ta' restrizzjoni tal-kreditu li jkun mistenni f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. B'riżultat ta' dan, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu, u l-GTĊ għażel numru ta' drabi li jew jevita l-inadempjenzi, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħin kumpaniji "żombi", jew li jittrasferixxi s-sjieda tad-dejn (pereż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambju ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament jelimina l-problema ġenerali tad-dejn jew jindirizza l-kawżi ewlenin tagħha.

(127) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttieħdu biex jiġi liberalizzat is-suq, is-sistema tal-kreditu korporattiv fiċ-Ċina hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti li jirriżultaw mir-rwol perveżiv kontinwu tal-Istat fis-swieq kapitali. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod sever fil-livelli kollha.

(128) Ma tressqet l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott ikkonċernat mhuwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod sever fil-livelli kollha.

3.2.1.8. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

(129) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport huma karatteristiċi tal-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq kif ukoll fil-Parti I tar-Rapport japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni kif stabbilit hawn fuq u fil-Parti II tar-Rapport.

(130) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi prodott il-prodott ikkonċernat, huma meħtieġa ċerti inputs. Meta l-produtturi tal-prodott ikkonċernat jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) ikunu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/fl-allokazzjoni tal-kapital. Minbarra dan, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u fis-setturi. Dawn id-distorsjonijiet ġew deskritti fid-dettall hawn fuq, b'mod partikolari fil-premessi (51) sa (128). Il-Kummissjoni indikat li l-istruttura regolatorja li tirfed dawk id-distorsjonijiet tapplika b'mod ġenerali, bil-produtturi tal-karta dekorattiva jkunu soġġetti għal dawk ir-regoli bħal kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fiċ-Ċina. Għalhekk, id-distorsjonijiet għandhom effett dirett fuq l-istruttura tal-kostijiet tal-prodott ikkonċernat.

(131) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat ma jkunux xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport.

(132) Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija, u tal-materja prima huma preżenti fiċ-Ċina kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fiċ-Ċina permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input eċċ.

([103]) OECD (2019), OECD Economic Surveys: China 2019, OECD Publishing, Pariġi. p. 29, ara: https://doi.org/10.1787/eco_surveys-chn-2019-en (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

([104]) Ara: http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content_5504241.htm (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

(133) L-ebda evidenza jew argument kontra ma tressaq mill-GTĊ f'din l-investigazzjoni.

3.2.1.9. Argumenti mressqa mill-partijiet interessati

(134) L-ewwel nett, is-CNFPIA ħadet il-pożizzjoni li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mhuwiex applikabbli minħabba l-inkompatibbiltà tiegħu mal-ftehimiet tad-WTO u d-deċiżjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO ("*DSB*", Dispute Settlement Body).

(135) B'mod partikolari, is-CNFPIA argumentat li:

(a) peress li xi dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO rilevanti għall-kalkolu tad-dumping skadew fil-11 ta' Diċembru 2016, l-UE trid tirrispetta l-obbligi korrispondenti tagħha skont il-liġi tad-WTO;

(b) f'konformità mas-sejbiet tal-Korp tal-Appell f'DS473 ([105]), għall-fini tal-kalkolu tal-kostijiet sabiex jinkiseb il-valur normali tal-prodott ikkonċernat meta ma jkunx jista' jintuża l-prezz domestiku fil-pajjiż esportatur, l-awtoritajiet investigattivi ma jistgħux jevalwaw il-kostijiet irrapportati fir-rekords miżmuma mill-esportatur/produttur skont parametru referenzjarju mhux relatat mal-kostijiet tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini.

(136) It-tieni, is-CNFPIA sostniet li ma hemmx evidenza biżżejjed tal-allegati distorsjonijiet u, anke li kieku kellhom jeżistu, dawn ma affettwawx il-prodott ikkonċernat.

(137) Barra minn hekk,is-CNFPIA esprimiet dan li ġej:

(a) l-allegazzjonijiet fl-ilment huma ta' natura ġenerali u jikkonċernaw l-istruttura ekonomika taċ-Ċina, aktar milli s-settur tal-prodott ikkonċernat. Fil-biċċa l-kbira dawn jiddependu mir-Rapport u mill-investigazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Il-valur evidenzjali u r-rilevanza tal-fatturi trażversali allegati li jeżistu fl-ekonomija taċ-Ċina li huma meqjusa distorsivi skont ir-Rapport huma dubjużi. B'mod partikolari, ir-Rapport ma jiddivulga l-ebda rabta mal-industrija Ċiniża tal-karta dekorattiva. Fir-rigward tal-investigazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni, id-dipendenza tal-ilmentaturi fuq is-sejbiet fil-każ tal-okumé plywood hija dubjuża, peress li l-evidenza f'dan il-każ hija differenti minn dik rilevanti għal din l-investigazzjoni, kif ukoll peress li d-determinazzjonijiet dwar l-interventi tal-gvern skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, ma jistgħux jiġu preżunti, mill-każ tal-okumé plywood, li jaffettwaw bl-istess mod is-suq tal-karta dekorattiva;

(b) l-ilmentaturi ma pprovdewx evidenza adegwata li tindika li s-suq tal-karta dekorattiva huwa servut "f'miżura sinifikanti" minn kumpaniji li huma taħt il-kontroll tal-Istat, jew li jkun hemm preżenza tal-Istat f'ditti "li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u l-kostijiet". L-ilmentaturi lanqas ma speċifikaw x'inhu l-għadd totali tal-produtturi Ċiniżi tal-karta dekorattiva u tas-sehem mis-suq tal-kumpaniji allegatament ikkontrollati mill-GTĊ. F'dan ir-rigward, il-partijiet indikaw li l-intrapriża tal-Istat Jilin Group, imsemmija mill-ilmentaturi, tirrappreżenta biss madwar 10 % tal-esportazzjonijiet totali tal-prodott taħt investigazzjoni lejn l-UE fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-partijiet sostnew ukoll li l-ilmentaturi naqsu wkoll milli jipproduċu xi evidenza li turi l-preżenza tas-CCP sa fejn huma kkonċernati l-partijiet.

(138) Fir-rigward tal-argumenti tal-partijiet dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tad-WTO, il-Kummissjoni fakkret li fil-proċedimenti anti-dumping li jikkonċernaw prodotti miċ-Ċina, il-partijiet tat-Taqsima 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO li ma skadewx ikomplu japplikaw meta jiġi ddeterminat il-valur normali, kemm fir-rigward tal-istandard tal-ekonomija tas-suq kif ukoll fir-rigward tal-użu ta' metodoloġija li mhijiex ibbażata fuq tqabbil strett mal-prezzijiet jew il-kostijiet Ċiniżi.

([105]) WT/DS473- European Union - Anti-Dumping Measures on Biodiesel from Argentina, disponibbli fuq http://www.wto.org/english/tratop_e/dispu_e/cases_e/ds473_e.htm.

(139) Fir-rigward tar-referenza tal-partijiet għad-DS473, il-Kummissjoni fakkret li r-Rapport tal-Korp tal-Appell f'DS473 ma kienx jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, iżda ta' stipulazzjoni partikolari fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Madanakollu l-liġi tad-WTO kif interpretata mill-Korp tal-Appell fid-DS473 tippermetti l-użu ta' data minn pajjiż terz, bl-aġġustament dovut meta tali aġġustament ikun neċessarju u sostanzjat. Fil-fatt, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa għall-kalkolu tal-valur normali. Għalhekk, l-argumenti tal-partijiet ma setgħux jiġu aċċettati.

(140) Fir-rigward tal-argumenti tal-partijiet dwar is-suffiċjenza tal-evidenza biex tintwera l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni fakkret mill-bidu nett li skont l-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku, jekk il-Kummissjoni tqis li l-evidenza ppreżentata mill-ilmentaturi dwar id-distorsjonijiet sinifikanti hija suffiċjenti, hija tista' tibda l-investigazzjoni fuq din il-bażi. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat li, kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fi *Viraj Profiles*, il-kwantità u l-kwalità tal-evidenza meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kriterji tas-suffiċjenza tal-evidenza għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni huma differenti minn dawk meħtieġa għall-fini ta' determinazzjoni preliminari jew finali tal-eżistenza ta' dumping, dannu jew rabta kawżali ([106]). Għaldaqstant, l-ilment issodisfa l-istandards stabbiliti fl-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, flimkien mal-Artikolu 2(6a)(d). Fil-fatt, kif indikat fin-Notifika tal-Bidu ([107]), fl-istadju tal-bidu, il-Kummissjoni qieset li kien hemm evidenza suffiċjenti skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku li turi li, minħabba distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu tal-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ ma jkunx xieraq, u b'hekk jiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(141) Għalhekk, il-Kummissjoni pproċediet biex tipprova tali distorsjonijiet. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku, ġabret id-data meħtieġa biex tiddetermina l-eżistenza u l-impatt tad-distorsjonijiet sinifikanti u l-użu konsegwenti tal-metodoloġija preskritta mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Id-data miġbura mill-Kummissjoni u l-konklużjonijiet li jirriżultaw, kemm dwar il-preżenza ta' kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-prodott ikkonċernat kif ukoll dwar ir-rabtiet mas-CCP huma ppreżentati fit-Taqsima 6.3 ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-argumenti tal-partijiet dwar l-evidenza li tinsab fl-ilment ma setgħux jiġu aċċettati.

3.2.1.10. Konklużjoni

(142) L-analiżi stabbilita f'din it-taqsima, li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent taċ-Ċina fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali kif ukoll fis-settur tal-prodott ikkonċernat uriet li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima u l-inputs, l-enerġija u l-manodopera, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih.

(143) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan il-każ, ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali.

(144) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex taħdem il-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

([106]) Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2017, Viraj Profiles vs Il-Kunsill, T-67/14, ECLI:EU:T:2017:481, il-punt. 98.

([107]) Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ippubblikata fl-14 ta' Lulju 2024. C/2024/3695. Disponibbli fuq: Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

3.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

3.2.2.1. Kummenti ġenerali

(145) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji ([108]);

— produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni f'dak il-pajjiż;

— l-eżistenza tad-data disponibbli faċilment fil-pajjiż rappreżentattiv;

— meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ngħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(146) Kif spjegat fil-premessi (36) sa (38), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali: l-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni bid-data tat-2 ta' Ottubru 2024 (l-"Ewwel Nota") u t-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni bid-data tas-6 ta' Diċembru 2024 (it-"Tieni Nota").

(147) Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti.

(148) Fit-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ

(149) Fl-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni identifikat lit-Tajlandja, il-Brażil, l-Indoneżja u t-Turkija bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri li huma kollha kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross, fejn kien magħruf li jiġi manifatturat il-prodott taħt investigazzjoni.

(150) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-pajjiżi identifikati f'dik in-nota.

Eżistenza tad-data rilevanti disponibbli faċilment fil-pajjiż rappreżentattiv

(151) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni indikat li għall-pajjiżi identifikati bħala pajjiżi fejn qed jiġi prodott il-prodott taħt investigazzjoni, jiġifieri t-Tajlandja, il-Brażil, l-Indoneżja u t-Turkija, id-disponibbiltà tad-data disponibbli faċilment kellha tiġi vverifikata aktar b'mod partikolari fir-rigward tad-data finanzjarja disponibbli faċilment mill-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni.

(152) Il-Kummissjoni eżaminat il-preżenza tal-produtturi tal-karta dekorattiva f'kull wieħed mill-erba' pajjiżi rappreżentattivi potenzjali u fittxet data finanzjarja disponibbli faċilment ta' kumpaniji li jipproduċu l-prodott taħt investigazzjoni. Il-Kummissjoni ma setgħetx tidentifika kumpaniji bħal dawn fl-erba' pajjiżi rappreżentattivi potenzjali.

([108]) World Bank Open Data – Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

(153) Il-Kummissjoni mbagħad ħarset lejn il-produtturi ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali tal-prodott taħt investigazzjoni f'kull wieħed mill-erba' pajjiżi rappreżentattivi potenzjali, li tinkludi wkoll karta b'użu speċjali (prinċipalment imballaġġ u tikketti flessibbli) u karta tal-istampar. F'din il-kategorija ma ġiet identifikata l-ebda kumpanija b'data finanzjarja disponibbli faċilment. F'din il-kategorija, l-ilmentaturi identifikaw fl-ilment kumpanija Tajlandiża (Thai Paper Mill) u pprovdew dokumenti, allegatament għad-data finanzjarja tagħhom tal-2022. Madankollu, il-perjodu ta' referenza ma kien jinkludi l-ebda parti tal-PI, u d-data kienet estratt Excel mhux uffiċjali meħuda minn bażi tad-data ([109]). Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonferma d-data finanzjarja minn kwalunkwe sors disponibbli faċilment.

(154) Il-Kummissjoni mbagħad ħarset lejn prodotti oħra fl-istess kategorija ġenerali bħall-prodott taħt investigazzjoni ("produtturi tal-karta u tal-imballaġġ") ([110]), peress li l-imballaġġ jissemma wkoll fid-deskrizzjoni tal-erba' kodiċijiet SA kkonċernati ([111]), li teskludi l-polpa tal-injam, li hija prodott upstream/materja prima ta' natura kompletament differenti mill-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni identifikat data finanzjarja faċilment disponibbli f'Orbis għall-produtturi Tajlandiżi, jiġifieri: SIAM KRAFT INDUSTRY CO LTD; DOUBLE A (1991) PUBLIC COMPANY; THAI CONTAINERS GROUP CO LTD u SIG COMBIBLOC CO LTD. imsemmija wkoll hawn taħt fit-Taqsima 3, li wrew profittabbiltà għall-2023. It-Tajlandja kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv possibbli, li għalih instabet data finanzjarja faċilment disponibbli tal-produtturi tal-karta u tal-imballaġġ. Għall-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali l-oħra, f'Orbis il-Kummissjoni sabet informazzjoni dwar xi kumpaniji jew li kienu qed jagħmlu telf fis-sena finanzjarja 2023 jew kumpaniji mingħajr data finanzjarja disponibbli għall-perjodu ta' investigazzjoni.

(155) Ma wasal l-ebda kumment sad-data tal-iskadenza. Parti waħda, KINGDECOR, issottomettiet kummenti wara l-iskadenza li se tiġi ttrattata fl-istadju definittiv.

Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

(156) Wara li ġie stabbilit li t-Tajlandja tista' titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq fuq il-bażi tal-elementi kollha msemmijin hawn fuq, ma kienx hemm bżonn valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.2. Konklużjoni

(157) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, it-Tajlandja ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.2.3. *Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

(158) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni mill-produtturi esportaturi u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

([109]) https://datawarehouse.dbd.go.th/company/profile/vScPNww_dec61eAs8SfIvBpRIrRb0ZQTkaQ5FAs7U l1gSCofJO0PTqqcpWa511Vv.
([110]) NACE Rev. 2: 1723 - Manifattura tal-karta u l-kartun bħala s-settur tal-industrija l-aktar dejjaq li fih il-kodiċi NM b'6 ċifri tal-prodott taħt investigazzjoni – Il-kartun jinkludi kemm kartun flessibbli/ħafif (eż. speċjalità) kif ukoll kartun iebes.
([111]) Kodiċijiet SA: 4802 54, 4802 55, 4805 91, 4811 60.

(159) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni sostniet li, sabiex tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-Atlas tal-Kummerċ Globali ("GTA" - Global Trade Atlas) ([112]) biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża l-istatistika ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika permezz tal-Bank tat-Tajlandja ([113]), il-librerija tal-OECD ([114]) u l-pubblikazzjoni "Il-Kost tan-Negozju fit-Tajlandja 2023." ([115]) biex tistabbilixxi l-kostijiet lavorattivi mingħajr distorsjoni u l-istatistika dwar il-prezzijiet tal-elettriku ppubblikata mill-Awtorità tal-Elettriku Metropolitana tat-Tajlandja ([116]) għall-elettriku.

(160) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni spjegat il-ħsieb tagħha li tikkalkula l-prezz tal-fwar fit-Tajlandja bl-użu tal-metodoloġija ssuġġerita mid-Dipartiment għall-Enerġija tal-Istati Uniti ([117]) bħala bażi. Din il-metodoloġija tipprovdi kost għall-fwar ibbażat fuq l-input tas-sħana meħtieġ biex jiġi prodott bil-gass naturali. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tuża l-gass naturali bħala input tas-sħana u, għalhekk, il-prezz tal-gass naturali fit-Tajlandja kif ippubblikat mill-Ministeru tal-Enerġija Tajlandiż ([118]). Peress li din il-metodoloġija tikkalkula biss il-kost tal-fjuwil tal-fwar, il-Kummissjoni taġġusta dan il-kost għall-ilma, il-materjali konsumabbli, kostijiet oħra, l-SG&A u l-profitt.

(161) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati li l-gass, l-arja kkompressata u l-ilma, kollha flimkien jammontaw għal inqas minn 0,3 % tal-kost totali tal-produzzjoni, u b'hekk, jinġabru mal-materjali konsumabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat li hija se tikkalkula l-persentaġġ tal-materjali konsumabbli fuq il-kost totali tal-inputs u se tapplika dan il-persentaġġ għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(162) It-total tal-fatturi tal-produzzjoni li nġabru mal-materjali konsumabbli, ammonta għal madwar 3 % tal-kost totali tal-produzzjoni, u għalhekk finalment, madwar 4 % tal-kost totali tal-produzzjoni huwa meqjus bħala materjali konsumabbli.

3.2.4. *Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni*

3.2.4.1. Fatturi ta' produzzjoni

(163) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni tal-karta dekorattiva

Fatturi ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Sors tad-data li l-Kummissjoni beħsiebha tuża	Unità ta' kejl	Kost ta' unità CNY/unità
MATERJA PRIMA				
Polpa tal-injam - mhux koniferu	470329	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	4,66
Polpa tal-injam – koniferu	470321	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	6,11
Diossidu tat-titanju	32061110 32061190	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	24,94

([112]) L-Atlas tal-Kummerċ Globali: https://connect.ihsmarkit.com/, http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm.
([113]) https://app.bot.or.th/BTWS_STAT/statistics/BOTWEBSTAT.aspx?reportID=912&language=ENG.
([114]) https://www.oecd.org/en/publications/oecd-economic-surveys-thailand-2023_4815cb4b-en.html.
([115]) https://www.boi.go.th/upload/content/Cost_of_Doing_Business.pdf.
([116]) L-Awtorità Metropolitana tal-Elettriku tat-Tajlandja f'https://www.mea.or.th/en/statistics/energy-sales.
([117]) Id-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti: "Benchmark the Fuel Cost of Steam Generation". Disponibbli f'https://www.energy.gov/eere/amo/articles/benchmark-fuel-cost-steam-generation.
([118]) https://public.tableau.com/app/profile/epposite/viz/_16516675014300/sheet0.

Fatturi ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Sors tad-data li l-Kummissjoni beħsiebha tuża	Unità ta' kejl	Kost ta' unità CNY/unità
Kawlina	250700000020	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	2,83
Aġent tar-reżistenza għall-ilma / Reżina ta' Poliammid Epikloroidrin (PAE)/Għajnuna għaż-żamma	380992	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	7,30
Melħ doppju tas-silikat/Silikat tal-alumina tas-sodju	284210	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	25,39
Pigmenti tas-serje tal-ħadid / Pigmenti tal-ossidu tal-ħadid (isfar-iswed-aħmar-kannella)	282110000010	L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA)	Kg	10,74
Terra tat-talkum	25262010 252620900010 252620900020	Materjal konsumabbli		—
Linka organika / pigmenti / paste tal-kulur	32041710 32041790	Materjal konsumabbli		—
Aġent kontra r-ragħwa / Deterġent	380992	Materjal konsumabbli		—
Lamtu	1108	Materjal konsumabbli		—
Latex	4002 11	Materjal konsumabbli		—
Diatomit	251200	Materjal konsumabbli		—
Iswed tal-karbonju abjad	281122	Materjal konsumabbli		—
Ipoklorit tas-sodju	282890	Materjal konsumabbli		—
Soda kawstika likwida	281512	Materjal konsumabbli		—
Sulfat tal-aluminju	283322	Materjal konsumabbli		—
Batteriċida	380892	Materjal konsumabbli		—
Bentonit	250810	Materjal konsumabbli		—
Idrossidu tas-sodju	281511	Materjal konsumabbli		—
Karbonat tas-sodju	283620	Materjal konsumabbli		—
Laqx tal-karta/Karta riċiklata	—	Materjal konsumabbli		—
Prodotti sekondarji				
Laqx tal-karta/Karta riċiklata	—	Materjal konsumabbli		—

Fatturi ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Sors tad-data li l-Kummissjoni beħsiebha tuża	Unità ta' kejl	Kost ta' unità CNY/unità
Enerġija				
Enerġija – Elettriku	—	L-Awtorità Metropolitana tal-Elettriku tat-Tajlandja	kWh	0,91
Enerġija – Gass	—	Materjal konsumabbli		—
Enerġija - ilma	—	Materjal konsumabbli		—
Enerġija – fwar	—	Il-Ministeru għall-Enerġija tat-Tajlandja	MT	228,35
Enerġija - Arja kompressata	—	Materjal konsumabbli		—
Xogħol				
Manodopera	—	L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u l-Bank tat-Tajlandja	siegħa ta' xogħol	20,32

(164) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmija aktar 'il fuq. Il-metodoloġija hija spjegata kif xieraq fit-taqsima *Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, l-SG&A, il-profitti u d-deprezzament* hawn taħt.

Materja prima u inputs

(165) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata sal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat (CIF) tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport.

(166) Fir-rigward tal-polpa tal-injam (l-ewkaliptu), tip ta' injam mhux komuni fiċ-Ċina jew fil-pajjiżi fil-qrib, li huwa t-tieni l-aktar materja prima importanti għall-produzzjoni tal-karta dekorattiva, matul il-verifika ż-żewġ produtturi Ċiniżi wrew li jixtru biss minn sorsi mhux Ċiniżi minn forniturи mhux relatati. Dan ifisser li l-prezzijiet tal-importazzjoni tagħhom ġew aċċettati u ma ġewx sostitwiti.

(167) Fir-rigward tal-materja prima ewlenija, id-diossidu tat-titanju, KINGDECOR affermat u wriet matul il-verifika li importat ammont limitat tad-diossidu tat-titanju tagħha minn forniturи mhux relatati, barra miċ-Ċina. Dan kien jikkonċerna kwalitajiet mhux disponibbli fiċ-Ċina. Għal din il-parti tad-diossidu tat-titanju, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tagħha ġew aċċettati u ma ġewx sostitwiti.

(168) Għall-materja prima l-oħra kollha, prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li mhumiex membri tad-WTO, elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([119]).

([119]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(169) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mill-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-Taqsima 3.2 ikkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Il-volumi li jifdal tqiesu bħala rappreżentattivi.

Manodopera

(170) Il-Kummissjoni użat l-aħħar statistika disponibbli tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika permezz tal-Bank tat-Tajlandja, il-librerija tal-OECD u l-pubblikazzjoni "Il-Kost tan-Negozju fit-Tajlandja 2023.", indiċjata mal-PI, bl-użu tal-kost lavorattiv fis-settur tal-manifattura tat-Tajlandja ([120]).

Elettriku

(171) Il-prezz tal-elettriku għall-kumpaniji (l-utenti industrijali) fit-Tajlandja huwa ppubblikat mill-Awtorità Metropolitana tal-Elettriku tat-Tajlandja ([121]). Il-Kummissjoni użat id-data dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-medda tal-konsum korrispondenti f'THB/kWh kif ippubblikata perjodikament għal kull xahar tal-PI.

Fwar

(172) Kif deskritt fit-taqsima 3.2.3, il-Kummissjoni kkalkolat il-prezz tal-fwar fit-Tajlandja bl-użu tal-metodoloġija ssuġġerita mid-Dipartiment għall-Enerġija tal-Istati Uniti ([122]) bħala bażi. Din il-metodoloġija tipprovdi kost għall-fwar ibbażat fuq l-input tas-sħana meħtieġ għall-produzzjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat il-gass naturali bħala input tas-sħana u, għalhekk, il-prezz tal-gass naturali fit-Tajlandja kif ippubblikat mill-Ministeru tal-Enerġija Tajlandiż ([123]). Peress li din il-metodoloġija tikkalkula biss il-kost tal-fjuwil tal-fwar, il-Kummissjoni aġġustat dan il-kost għall-ilma, il-materjali konsumabbli, kostijiet oħra, il-kostijiet tal-bejgħ, l-SG&A u l-profitt. Il-Kummissjoni qieset li rata globali li tkopri dawn il-kostijiet u l-profitt tkun raġonevoli. Ma wasal l-ebda kumment mill-partijiet interessati dwar dan il-punt fit-tieni Nota.

Kostijiet ġenerali tal-manifattura, kostijiet SG&A u profitti

(173) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(174) Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-persentaġġ ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(175) Għall-istabbiliment ta' ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura, il-kostijiet SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni bbażat fuq id-data finanzjarja tal-erba' kumpaniji Tajlandiżi, SIAM KRAFT INDUSTRY CO LTD, DOUBLE A (1991) PUBLIC COMPANY, THAI CONTAINERS GROUP CO LTD u SIG COMBIBLOC CO LTD. kif estratta minn Orbis.

(176) Il-kostijiet SG&A, espressi bħala persentaġġ tal-kost tal-oġġetti mibjugħin ("COGS", Cost of Goods Sold) u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 11,38 %. Il-profitt, espress bħala persentaġġ tal-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 9,29 %. Il-Kummissjoni qieset li dawn ir-rati, meta applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, jirriżultaw f'ammont għal profitt li jkun raġonevoli, fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika.

([120]) L-istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, il-Ministeru tal-Ekonomija Diġitali u s-Soċjetà tat-Tajlandja https://www.nso.go.th/nsoweb/storage/survey_detail/2024/20240521125659_79859.pdf.

([121]) https://www.mea.or.th/en/statistics/energy-sales.

([122]) Id-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti: "Benchmark the Fuel Cost of Steam Generation". Disponibbli f'https://www.energy.gov/eere/amo/articles/benchmark-fuel-cost-steam-generation.

([123]) https://public.tableau.com/app/profile/epposite/viz/_16516675014300/sheet0.

Kalkolu

(177) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(178) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet ta' unità mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali ta' produzzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera. Dawn ir-rati ta' konsum ġew ivverifikati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mmultiplikat ir-rati tal-konsum bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità osservata fil-pajjiż rappreżentattiv, kif deskritt fit-Taqsima 3.2.4.1.

(179) Imbagħad, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, kif spjegat fil-premessa (173) mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura sabiex tasal għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni.

(180) Għall-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat il-kostijiet SG&A u l-persentaġġi tal-profitt ikkalkulati fil-premessi (174) sa (175).

(181) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3. **Prezz tal-esportazzjoni**

(182) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati.

(183) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(184) Produttur esportatur wieħed esporta parzjalment il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' utent relatat, li jaġixxi bħala importatur li kompla jipproċessa l-prodott ikkonċernat. Il-produttur esportatur ma pprovdiex informazzjoni dettaljata dwar il-kost tal-ipproċessar ulterjuri u l-prezz tal-bejgħ finali, għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet, b'mod proviżorju, li għal dawn it-tranżazzjonijiet tuża l-prezz tal-esportazzjoni lill-utent relatat. Il-Kummissjoni talbet data dwar il-kost tal-ipproċessar u l-prezz finali tal-bejgħ, li mbagħad tintuża fl-istadju definittiv għall-istabbiliment tal-prezzijiet tal-esportazzjoni abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

3.4. **Tqabbil**

(185) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ u tagħmel konċessjoni għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fil-livell ta' kummerċ mill-fabbrika. Kif spjegat aktar hawn taħt, fejn xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex: (i) jiġu nnettjati lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u (ii) jagħmlu konċessjonijiet għal differenzi fil-fatturi li ġew iddikjarati, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

3.4.1. *Aġġustamenti magħmula fil-valur normali*

(186) Kif spjegat fil-premessa (177), il-valur normali ġie stabbilit fil-livell ta' kummerċ mill-fabbrika bl-użu tal-kostijiet tal-produzzjoni flimkien mal-ammonti tal-SG&A u tal-profitt, li tqiesu bħala raġonevoli għal dak il-livell ta' kummerċ. Għalhekk, ma kien meħtieġ l-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(187) Minbarra aġġustament tal-VAT minħabba VAT mhux rimborżabbli, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni biex tagħmel xi konċessjonijiet għall-valur normali, u dawn il-konċessjonijiet lanqas ma ntalbu minn xi wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun.

3.4.2. *Aġġustamenti magħmula fil-prezz tal-esportazzjoni*

(188) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika, saru aġġustamenti minħabba: id-dazju doganali, imposti oħra fuq l-importazzjoni, il-merkanzija, l-assigurazzjoni, ir-ribassi annwali, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-kostijiet anċillari u l-kostijiet tal-ippakkjar.

(189) Saru konċessjonijiet għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: il-kost tal-kreditu u t-tariffi bankarji

3.5. **Marġnijiet tad-dumping**

(190) Għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(191) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Hangzhou HUAWANG New Material Technology Co., Ltd	34,9 %
KINGDECOR (Zhejiang) Co., Ltd.	31,0 %

(192) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dan il-marġni ġie stabbilit abbażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun, filwaqt li ġew injorati l-marġnijiet tal-produtturi esportaturi b'marġnijiet ta' dumping żero u *de minimis*, kif ukoll il-marġnijiet stabbiliti skont iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(193) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping proviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma ġewx inklużi fil-kampjun huwa 33,6 %.

(194) Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-PI, li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-Eurostat.

(195) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ kien għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 90 % tal-importazzjonijiet totali matul il-PI. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija inkluża fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(196) Il-marġnijiet tad-dumping proviżorji, espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Hangzhou HUAWANG New Material Technology Co., Ltd	34,9 %
KINGDECOR (Zhejiang) Co., Ltd.	31,0 %

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Kumpaniji oħra li kkooperaw	33,6 %
L-importazzjonijiet l-oħra kollha	34,9 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(197) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn seba' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ([124]). Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(198) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 473 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġiba għall-makrokwestjonarju ppreżentata mill-ilmentatur u vverifikata mill-Kummissjoni. Kif indikat fil-premessa (15), it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 60 % tal-produzzjoni totali stmata tal-UE u 61 % tal-kwantità totali stmata ta' bejgħ tal-UE tal-prodott simili.

4.2. Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni

(199) Sabiex tistabbilixxi jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu u sabiex tiddetermina l-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili kellux jitqies fl-analiżi u, jekk iva, sa liema punt.

(200) Kif spjegat fil-premessa (27), il-karta dekorattiva tintuża bħala materjal tal-wiċċ għal applikazzjonijiet dekorattivi. Il-karta dekorattiva tintuża bħala prodott intermedju li mbagħad jiġi laminat fuq pannelli bbażati fuq l-injam bħal fibreboards jew bord tal-partikoli ta' densità medja permezz tal-użu ta' temperaturi u pressjoni għoljin, jew, inkella, permezz ta' adeżivi. L-użu finali tal-karta dekorattiva huwa prinċipalment fis-settur tal-għamara, tad-disinn intern jew tal-kostruzzjoni.

(201) Ma kien hemm l-ebda bejgħ kaptiv tal-prodott taħt investigazzjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien parti minn grupp kbir ta' kumpaniji li xtraw karta dekorattiva mill-parti relatata tagħhom u użawha għall-produzzjoni ta' prodotti downstream oħra. Il-Kummissjoni analizzat it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ relatati u d-dokumenti assoċjati, u qieset dak il-bejgħ li sar lil kumpaniji relatati bħala bejgħ fis-suq ħieles, peress li dan il-bejgħ lil entitajiet legali separati sar bejn wieħed u ieħor bl-istess prezz bħal dak mitlub lil partijiet indipendenti u dawk l-entitajiet kellhom għażla libera ta' fornitur.

(202) Produttur tal-Unjoni mhux ilmentatur kien ukoll parti minn grupp akbar ta' kumpaniji involuti fl-ipproċessar ulterjuri tal-prodott taħt investigazzjoni. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċerta t-termini tal-bejgħ lil partijiet relatati għal dan il-produttur. Fin-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata, il-Kummissjoni qieset il-volum stmat tal-bejgħ fl-Unjoni pprovdut mill-ilmentatur bħala bejgħ fis-suq ħieles fl-analiżi tal-konsum tal-Unjoni u l-volum tal-bejgħ tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

(203) Id-distinzjoni bejn is-suq kaptiv u s-suq ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu minħabba li l-prodotti maħsuba għal użu kaptiv mhumiex esposti għal kompetizzjoni diretta mill-importazzjonijiet. B'kuntrast ma' dan, il-produzzjoni maħsuba għall-bejgħ fis-suq ħieles hija f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

([124]) Wieħed mill-produtturi magħrufa tal-UE mmanifattura l-prodott simili matul il-perjodu kkunsidrat iżda waqqaf il-produzzjoni tal-karta dekorattiva fi tmiem l-2022. Produttur ieħor ilu involut fi proċedura ta' insolvenza mill-2023.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(204) Il-kodiċijiet NM rilevanti inkludew ukoll tipi oħra ta' karta ta' speċjalità barra mid-definizzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni. Sabiex tikkalkula l-konsum tal-Unjoni, il-Kummissjoni qabblet l-istatistika tad-data tal-importazzjoni wara l-PI fil-livell tal-kodiċi NM bi 8 ċifri u tal-kodiċi TARIC b'10 ċifri mill-bażi tad-data tas-Sorveljanza. Il-kodiċijiet TARIC kienu disponibbli biss wara l-bidu tal-investigazzjoni u kienu relatati esklużivament mal-prodott taħt investigazzjoni. It-tqabbil wera li għall-perjodu minn Lulju 2024 sa Novembru 2024, il-volumi ta' karta dekorattiva importati fl-Unjoni fil-livell TARIC kienu jikkostitwixxu madwar 30 % tal-volumi globali importati miċ-Ċina taħt il-kodiċijiet NM korrispondenti. Minbarra ċ-Ċina, l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva mill-bqija tad-dinja fil-livell TARIC ammontaw għal madwar 15 % tal-volumi totali tal-importazzjoni fil-livell NM.

(205) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta':

— il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lis-suq tal-Unjoni, abbażi tat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-makrokwestjonarju ppreżentat mill-ilmentaturi;

— l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ, abbażi tal-kwantitajiet ta' bejgħ ivverifikati tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, u aġġustati biex jirriflettu l-volum totali stmat tal-importazzjonijiet mir-RPĊ għall-perjodu kkunsidrat ([125]); kif ukoll

— l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi terzi abbażi ta' proporzjon applikat għall-istatistika tal-Eurostat ([126]).

(206) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (f'tunnellati)

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	430 260	501 495	416 247	369 929	371 822
Indiċi	*100*	*117*	*97*	*86*	*86*

Sors: it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, il-makrokwestjonarju, l-Eurostat ([127]).

(207) Il-konsum tal-Unjoni żdied drastikament bi 17 % bejn l-2020 u l-2021. Dan kien prinċipalment dovut għaż-żieda fid-domanda tas-suq għall-materjali tal-kostruzzjoni li kienet ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Il-pandemija wasslet għal lockdowns u tat spinta lis-suq tar-rinnovazzjonijiet tad-djar, li rriżulta f'domanda ogħla għall-karta dekorattiva, peress li din tintuża prinċipalment fil-produzzjoni ta' għamara u pavimenti laminati.

([125]) Abbażi tal-informazzjoni fl-ilment dwar il-volumi tal-importazzjoni, ġie stmat, b'mod konservattiv, li l-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw kważi 90 % tal-volumi tal-importazzjoni lejn l-Unjoni mir-RPĊ. Għalhekk, il-volum tal-importazzjoni ġie aġġustat biż-żieda ta' 10 % mal-valuri ppreżentati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun.

([126]) Il-Kummissjoni applikat proporzjon ta' 15 % ibbażat fuq it-tqabbil li sar fis-Sorveljanza bejn il-kodiċijiet addizzjonali NM u TARIC, kif spjegat fil-premessa 203.

([127]) Il-proporzjon u l-metodoloġija speċifiċi applikati għall-importazzjonijiet Ċiniżi u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ġew koperti fil-premessa 203 u n-noti f'qiegħ il-paġna 125 u 126 hawn fuq.

(208) Wara l-2021, il-konsum tal-Unjoni naqas drastikament bi 17 %, u fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni bi 11 % oħra.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(209) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-data pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw li tqiesu li jirrappreżentaw kważi 90 % tal-volum tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni.

(210) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi ġie stabbilit billi l-volumi tal-importazzjonijiet tqabblu mal-konsum tas-suq tal-Unjoni skont it-Tabella 2 hawn fuq.

(211) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (f'tunnellati)	4 618	11 885	14 673	24 436	24 800
Indiċi	*100*	*257*	*318*	*529*	*537*
Sehem mis-suq %	1	2	4	7	7
Indiċi	*100*	*221*	*328*	*615*	*621*

Sors: Data pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun ([128]).

(212) L-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2020 kienu limitati għal madwar 4 600 tunnellata fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat u b'sehem mis-suq ta' 1 %. Madankollu, fl-2021, l-importazzjonijiet żdiedu b'mod esponenzjali b'157 %; din ix-xejra drastika 'l fuq kompliet matul il-bqija tal-perjodu kkunsidrat. Matul il-perjodu kollu kkunsidrat, l-importazzjonijiet żdiedu b'437 % għal aktar minn 24 000 tunnellata. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'6 punti perċentwali.

(213) Is-sehem mis-suq segwa l-istess żieda qawwija bħall-volum tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li żdied b'521 % matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq Ċiniż kiber bi tliet punti perċentwali, minn 4 % għal 7 % fuq perjodu ta' sena, bejn l-2022 u l-2023.

4.5. **Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz**

(214) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-data pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw li tqiesu qrib 90 % tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni.

(215) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

([128]) Il-valuri tal-importazzjoni ġew aġġustati billi ġiet applikata żieda ta' 10 % għall-valuri ppreżentati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, kif spjegat fin-nota f'qiegħ il-paġna 125.

Tabella 4

Prezzijiet ta' importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	1 496	1 694	1 853	1 793	1 711
Indiċi	*100*	*113*	*124*	*120*	*114*

Sors: Data pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(216) Il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina żdiedu fl-2021 u fl-2022, wara xejra simili bħall-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni murija fit-Tabella 8. Madankollu, matul il-perjodu kollu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħu ferm taħt il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-Unjoni, li żdiedu għal livell ta' EUR 2 220/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(217) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; kif ukoll

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti abbażi ta' Kost, assigurazzjoni u merkanzija (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(218) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala persentaġġ tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 9,3 % u 10,9 % permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

(219) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' trażżin tal-prezzijiet mill-2022, meta l-industrija tal-Unjoni kienet qed tiffaċċja żieda fil-kost tal-produzzjoni minħabba kostijiet ogħla tal-materja prima u tal-enerġija. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha b'mod suffiċjenti biex tpatti għaż-żidiet fil-kost tal-produzzjoni minħabba t-trażżin tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi, li bdew fl-2022 u komplew matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.6.1. *Kummenti ġenerali*

(220) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi valutazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(221) Kif imsemmi fil-premessa (15), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(222) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi, relatati mal-produtturi kollha tal-Unjoni, abbażi tad-data li tinsab fit-tweġiba għall-makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur, id-data aġġustata mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw, u d-data tal-Eurostat aġġustata dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi tal-prodott taħt investigazzjoni, kif spjegat fil-premessa (204) u fin-noti f'qiegħ il-paġna 126 u 127. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi relatati mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, abbażi tad-data inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(223) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni ta' dumping.

(224) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.6.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.6.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(225) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	547 775	635 842	511 674	464 523	473 850
Indiċi	*100*	*116*	*93*	*85*	*87*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	686 031	688 531	683 948	659 396	642 729
Indiċi	*100*	*100*	*100*	*96*	*94*
Użu tal-kapaċità %	80	92	75	70	74
Indiċi	*100*	*116*	*94*	*88*	*92*

Sors: Makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur.

(226) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 13 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni, f'konformità max-xejriet fil-volum tal-bejgħ murija fit-Tabella 8 hawn taħt. Iż-żieda temporanja fil-volumi tal-produzzjoni fl-2021 tista' tiġi attribwita għaż-żieda fid-domanda kkawżata, kif spjegat fil-premessa (207), mill-ekonomija abbażi tal-prinċipju "noqogħdu d-dar" matul il-lockdowns wara l-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, mill-2022, il-volumi tal-produzzjoni bdew jonqsu. It-tnaqqis kien dovut għal domanda tas-suq aktar baxxa għall-karta dekorattiva fl-Unjoni, li kompliet tiġi aggravata mil-livelli għoljin ta' inventarju li akkumulaw permezz tal-katina tal-provvista, kif spjegat fil-premessi (245) u (246). Barra minn hekk, wara ż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ li kienu jikkonċernaw l-aktar lil karta dekorattiva ta' grad kummerċjali (bajda, kulur ċar jew kannella), biex iżommu s-sehem mis-suq, diversi produtturi tal-Unjoni kellhom jiffukaw il-produzzjoni fuq kuluri aktar qawwijin li wasslu għal preparazzjoni u manutenzjoni itwal u aktar frekwenti tal-magni tal-karta, li wasslu għal perjodi itwal ta' qtugħ fil-produzzjoni.

(227) Il-kapaċità totali tal-Unjoni varjat matul il-perjodu kkunsidrat. Matul l-2021 il-kapaċità tal-produzzjoni ddikjarata żdiedet minħabba perjodi itwal bejn il-perjodi skedati għall-manutenzjoni ppjanata tal-magni tal-karta dekorattiva. Mill-2022 'il quddiem, il-kapaċità bdiet tonqos. Dan kien dovut l-aktar għall-waqfien tal-produzzjoni tal-karta dekorattiva fi tmiem l-2022 ta' produttur wieħed tal-Unjoni, u l-insolvenza ta' produttur ieħor tal-Unjoni fi tmiem l-2023.

(228) Iż-żieda fl-użu tal-kapaċità osservata fl-2021 kienet xprunata miż-żieda fil-volumi netti tal-produzzjoni minħabba żieda fid-domanda tas-suq għall-karta dekorattiva matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-volumi tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità fl-2022, fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu ferm taħt il-livelli ta' qabel l-2022, li kien konsegwenza tat-tnaqqis ġenerali fid-domanda tas-suq għall-karta dekorattiva u l-kompetizzjoni intensifikata mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping.

4.6.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(229) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum ta' bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	399 241	449 781	365 243	334 737	335 333
Indiċi	*100*	*113*	*91*	*84*	*84*
Sehem mis-suq %	93	90	88	90	90
Indiċi	*100*	*97*	*95*	*98*	*97*

Sors: Il-makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur, id-data aġġustata mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw, u d-data tal-Eurostat aġġustata, kif spjegat fil-premessa (204) u n-noti f'qiegħ il-paġna 126 u 127.

(230) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-2021 żdied bi 13-il punt perċentwali meta mqabbel mal-2020, prinċipalment minħabba ż-żieda fid-domanda msemmija hawn fuq ikkawżata mil-lockdowns tal-COVID-19 (ara l-premessa (207)). Kif ġie spjegat hawn fuq, id-domanda għall-karta dekorattiva bdiet tonqos fl-2022 wara d-domanda għolja fl-2021. Hekk kif l-importazzjonijiet Ċiniżi bdew jiżdiedu kemm f'termini assoluti kif ukoll f'ishma mis-suq mit-tieni nofs tal-2021, dan irriżulta fi tnaqqis sinifikanti fil-volumi tal-bejgħ tal-Unjoni.

(231) Is-sehem mis-suq naqas minn 93 % għal 90 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis ulterjuri fl-2022 għal 88 % jista' jiġi attribwit għal żieda fis-sehem mis-suq minn pajjiżi terzi li naqset fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni.

4.6.2.3. Tkabbir

(232) Kif spjegat hawn fuq, minħabba ż-żieda fir-rinnovazzjoni tad-djar ikkawżata mil-lockdowns matul il-pandemija tal-COVID-19, l-industrija tal-Unjoni setgħet tibbenefika mid-domanda għolja u mill-prezz tal-bejgħ ogħla mill-kost tal-produzzjoni, li wassal biex l-2021 kienet l-unika sena profittabbli tal-perjodu kkunsidrat. Madankollu, din is-sitwazzjoni treġġgħet lura mill-2022, meta l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat tnaqqis fid-domanda, flimkien ma' kompetizzjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi, li wasslu biex il-prezzijiet ġew stabbiliti taħt il-kost tal-produzzjoni, kif muri fit-Tabella 8 hawn taħt.

4.6.2.4. Impjiegi u produttività

(233) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati	2 288	2 323	2 300	2 234	2 218
Indiċi	*100*	*102*	*101*	*98*	*97*
Produttività (unità/FTE)	240	274	223	208	214
Indiċi	*100*	*114*	*93*	*87*	*89*

Sors: Makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur.

(234) Wara żieda żgħira ta' 2 % fl-għadd ta' impjegati fl-2021, l-industrija tal-Unjoni naqqset il-forza tax-xogħol tagħha mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni, peress li l-produzzjoni u l-volumi tal-bejgħ tagħha naqsu. Barra minn hekk, xi produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kellhom jirrikorru għal xogħol b'ħinijiet iqsar matul il-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 u għall-perjodu li jibda minn tmiem l-2022 sal-perjodu ta' investigazzjoni minħabba nuqqas ta' ordnijiet u waqfien frekwenti konsegwenti tal-magni. Madankollu, din is-sitwazzjoni ma kinitx riflessa fl-għadd totali ta' impjegati, peress li l-impjegati affettwati kienu għadhom impjegati mill-kumpaniji u miżmuma fuq il-pagi tagħhom.

(235) Il-produttività żviluppat f'konformità mal-bidliet fil-volum tal-produzzjoni. Din naqset bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat, b'żieda temporanja fl-2021, bis-saħħa taż-żieda fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-kundizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli msemmija hawn fuq f'dik is-sena. Il-bidla fit-taħlita tal-prodotti u ż-żieda sussegwenti tal-manutenzjoni tal-magni u tal-ħinijiet sakemm jixegħlu l-magni, spjegati fil-premessa (225), komplew inaqqsu l-produttività għal kull ekwivalenti għall-full time (FTE - Full-Time Equivalent) mill-2022.

4.6.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(236) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, b'kunsiderazzjoni tal-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(237) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, ma kienx hemm *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.6.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.6.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(238) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/ tunnellata)	1 714	1 892	2 398	2 353	2 220
Indiċi	*100*	*110*	*140*	*137*	*130*
Kost ta' unità tal-produzzjoni (EUR/ tunnellata)	1 809	1 853	2 521	2 406	2 272
Indiċi	*100*	*102*	*139*	*133*	*126*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(239) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-bejgħ segwew kurva forma ta' qanpiena, li laħqet il-quċċata tagħha fl-2022 u naqset fl-2023 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezz tal-bejgħ ta' unità segwa l-istess xejra bħall-kost tal-produzzjoni. Fl-2020, l-industrija tal-Unjoni bdiet f'pożizzjoni ekonomika mhux favorevoli minħabba tnaqqis temporanju fil-produzzjoni u fl-għadd ta' magni li kienu qed jitħaddmu, u ma setgħetx iżżomm il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Wara t-tieni nofs tas-sena, id-domanda reġgħet żdiedet, hekk kif l-ekonomija abbażi tal-prinċipju "noqogħdu d-dar" immexxija mill-pandemija ħeġġet lin-nies jinvestu l-introjtu disponibbli fir-rinnovazzjonijiet tad-djar. L-2021 kienet l-unika sena li fiha l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-prezzijiet tagħha 'l fuq mill-kost tal-produzzjoni. Din ix-xejra malajr treġġgħet lura fis-snin ta' wara meta l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżomm il-prezzijiet tal-bejgħ ogħla mill-kost tal-produzzjoni.

(240) Il-kost tal-produzzjoni kien xprunat prinċipalment mill-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija. B'mod partikolari, ix-xejra fil-kost tal-produzzjoni segwiet mill-qrib ix-xejra fil-prezzijiet għaż-żewġ materja prima ewlenin, id-diossidu tat-titanju ("TiO2") u l-polpa tal-injam. Barra minn hekk, fl-2022, l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat żieda kbira fil-kostijiet tal-enerġija, li kompliet matul l-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(241) Barra minn hekk, kif jidher fit-Tabella 4, il-prezzijiet Ċiniżi matul il-perjodu kkunsidrat kienu konsistentement aktar baxxi meta mqabbla mal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, b'differenza fil-prezz li tvarja bejn 9 % matul il-quċċata tal-2021 u madwar 25 % għall-bqija tal-perjodu kkunsidrat, inkluż il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha b'mod suffiċjenti biex tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, li indika li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

4.6.3.2. Kostijiet lavorattivi

(242) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR/FTE)	53 553	57 911	57 759	56 913	57 544
Indiċi	*100*	*108*	*108*	*106*	*107*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(243) Il-kostijiet medji lavorattivi għal kull impjegat żdiedu b'7 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.3.3. Inventarji

(244) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	25 570	33 788	33 767	39 015	39 140
Indiċi	100	132	132	153	153
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni	8,43	9,22	11,83	15,00	14,31
Indiċi	100	109	140	178	170

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(245) Il-livell ta' inventarji f'termini assoluti u bħala perċentwal tal-produzzjoni żdied bi 53 % u 70 %, rispettivament. Fl-2021, l-ogħla domanda u produzzjoni tal-konsumaturi, flimkien mal-akkumulazzjoni ta' talbiet għal domanda tul il-katina tal-provvista wasslu għall-fenomenu tal-frosta. Dan ħoloq kumulazzjoni ta' riżerva fl-imħażen tal-produtturi tal-Unjoni u l-klijenti tagħhom, bi whud li rrappurtaw li rċevew talbiet biex l-istokk kuntrattat tal-kwantitajiet prodotti jintbagħat iktar tard, xejra li baqgħet għaddejja matul il-perjodu sussegwenti.

(246) In-negozju tal-karta dekorattiva jaħdem l-aktar abbażi ta' ordnijiet u arranġamenti ta' stokk b'kuntratt ta' ħżin. Barra minn hekk, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun implimenta sistema kkaratterizzata minn taħlita ta' stokk imfassal skont l-ordni u stokk express, li jkun disponibbli għal ordnijiet tal-aħħar minuta għat-tip ta' karta dekorattiva l-aktar mibjugħa. L-istokk akkumulat, flimkien mat-tnaqqis fid-domanda u fil-kwantità tal-produzzjoni wasslu għal żieda fl-istokk tal-għeluq matul il-perjodu kkunsidrat, u sussegwentement irriżultaw ukoll f'żieda fl-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni.

(247) Madankollu, minħabba li l-biċċa l-kbira tat-tipi ta' prodotti tal-prodott simili ġew prodotti mill-industrija tal-Unjoni abbażi ta' ordnijiet speċifiċi tal-utenti, il-livell tal-istokk ma tqiesx bħala indikatur sinifikanti tad-dannu għal din l-industrija.

4.6.3.4. Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(248) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	– 1,8	6,1	0,3	– 1,5	– 1,6
Indiċi	*100*	*334*	*15*	*85*	*90*
Fluss tal-flus (EUR)	25 782 599	68 211 077	25 816 186	8 194 398	16 361 914
Indiċi	*100*	*265*	*100*	*32*	*63*
Investimenti (EUR)	14 675 504	13 502 987	19 605 557	11 004 427	7 873 781
Indiċi	*100*	*92*	*134*	*75*	*54*
Redditu fuq l-investimenti	– 6,9 %	31,2 %	4,2 %	4,6 %	6,5 %
Indiċi	*100*	*552*	*160*	*167*	*194*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(249) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tat-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(250) Fis-snin ta' qabel il-perjodu kkunsidrat, mill-2014 sal-2019, l-industrija tal-Unjoni kienet profittabbli, ara l-premessa (281). Madankollu, fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, ir-riżultati tal-industrija tal-Unjoni kienu negattivi minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-2020 ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u t-telf konsegwenti fid-domanda matul l-ewwel nofs ta' dik is-sena. Dan it-tnaqqis fis-suq irriżulta fi tnaqqis fil-bejgħ u f'żieda fil-kostijiet prinċipalment minħabba waqfien frekwenti tal-magni u r-rikors għal xogħol b'ħinijiet iqsar minn xi produtturi tal-Unjoni, kif spjegat fil-premessa (234). Fl-2021, il-profittabbiltà esperjenzat quċċata minħabba ż-żieda fir-rinnovazzjonijiet tad-djar wara l-pandemija tal-COVID-19, u bdiet tiddeterjora fl-2022, tant li laħqet livelli negattivi ta' profittabbiltà fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kif diġà muri fit-tabella 11 hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm il-prezzijiet tagħha ogħla mill-kost tal-produzzjoni fl-2021 biss.

(251) L-iżbilanċ bejn il-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet imnaqqsa ssarraf f'erożjoni fil-profittabbiltà mill-2022 'il quddiem.

(252) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett varjat matul il-perjodu kkunsidrat, u esperjenzat żieda drastika fl-2021 minħabba ċ-ċirkostanzi favorevoli għall-industrija tal-karta dekorattiva maħluqa mill-effetti tal-lockdowns. Il-fluss tal-flus fl-2022 reġa' lura għall-istess livelli tal-2020, qabel ma esperjenza tnaqqis drastiku fl-2023. Minħabba d-differenzi fil-perjodu li jeżistu bejn is-snin ta' qabel il-perjodu ta' investigazzjoni u l-investigazzjoni, il-kalkolu għall-bidliet fl-inventarji ma setax jitqies li jipprovdi stampa affidabbli tal-pożizzjonijiet veri tal-fluss tal-flus ta' waħda mill-kumpaniji tal-UE inklużi fil-kampjun. Għalhekk, l-irkupru muri matul il-perjodu ta' investigazzjoni jista' jitqies bħala minfuħ b'mod artifiċjali. Fi kwalunkwe każ, anki jekk il-fluss tal-flus għall-perjodu ta' investigazzjoni jitqies b'mod sħiħ, l-industrija tal-Unjoni xorta esperjenzat tnaqqis ta' 37 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(253) L-investimenti naqsu bi -8 % fl-2021, żdiedu bi + 42 % fl-2022 qabel ma naqsu drastikament b'-59 % u -21 % fl-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni, rispettivament. Iż-żieda fl-2022 tista' tiġi attribwita għal diversi investimenti mwettqa wara d-domanda għolja tas-suq u l-marġnijiet ta' profitt tal-2021.

(254) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Minkejja redditu negattiv fuq l-investiment esperjenzat fl-2020, dan żdied b'aktar minn erba' darbiet fl-2021 qabel ma reġa' naqas fl-2022 u fl-2023. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-redditu fuq l-investiment laħaq 6,5 %, li jimmarka żieda ta' 94 % meta mqabbel mal-2020. Ta' min iſakkar ukoll li r-redditu fuq l-investiment huwa kkalkulat fuq il-profittabbiltà ġenerali tal-prodott taħt investigazzjoni, u b'hekk jinkludi wkoll il-bejgħ fis-swieq tal-esportazzjoni. Kif spjegat fil-premessa (239), filwaqt li l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni kienu ġeneralment stabbiliti taħt il-kost tal-produzzjoni (bl-eċċezzjoni tal-2021), il-prezzijiet fis-suq tal-esportazzjoni kienu ġeneralment ogħla u ogħla mill-kost tal-produzzjoni, kif se jintwera fit-Tabella 13. Filwaqt li r-redditu fuq l-investiment kważi rdoppja bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni, indikaturi oħra bħall-investimenti u l-fluss tal-flus xorta wrew xejra negattiva għall-perjodu kkunsidrat.

(255) Il-ħila tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun tal-industrija tal-Unjoni li jiġġeneraw il-kapital b'hekk kienet affettwata mill-erożjoni tal-profittabbiltà u tal-fluss tal-flus imġarrba matul il-perjodu kkunsidrat.

4.7. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(256) Il-maġġoranza tal-indikaturi tad-dannu wrew tendenza negattiva tul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjiebet temporanjament fl-2021, l-indikaturi tad-dannu bħall-volum tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, u l-profittabbiltà naqsu fl-2022 u mbagħad komplew jonqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(257) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'16 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Dan it-tnaqqis kien aktar sinifikanti mill-konsum tal-Unjoni, li naqas b'14 % matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod partikolari, il-kwantità tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni esperjenzat tnaqqis aktar drastiku fl-2022 (9 %) u fil-perjodu li jkopri l-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni (16 %) meta mqabbla mat-tnaqqis fil-konsum (3 % fl-2022 u 14 % fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni).

(258) Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni fl-2020 bdiet minn pożizzjoni ekonomika mhux favorevoli minħabba l-waqfien frekwenti tal-magni u r-rikors għal xogħol b'ħinijiet iqsar għal diversi produtturi tal-industrija tal-Unjoni kkawżati minn tnaqqis qawwi fid-domanda fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 (il-premessa (250)), fl-2021 l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi ttejjeb is-sitwazzjoni ekonomika tagħha minħabba ż-żieda fid-domanda tas-suq għall-karta dekorattiva fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, din ix-xejra pożittiva treġġgħet lura sal-2022 u l-perjodu sussegwenti, meta l-produtturi tal-Unjoni esperjenzaw mhux biss tnaqqis fid-domanda, iżda wkoll żieda fil-kompetizzjoni minn volumi Ċiniżi li kibru malajr li kienu oġġett ta' dumping.

(259) Barra minn hekk, kif enfasizzat diġà fil-premessa (219), mill-2022, l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat żieda fil-kost tal-produzzjoni xprunata l-aktar minħabba kostijiet ogħla tal-materja prima u tal-enerġija. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha b'mod suffiċjenti biex tpatti għal dawn iż-żidiet sinifikanti fil-kost minħabba t-trażżin tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Id-distakk bejn il-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni kien ta' madwar 4 % matul l-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni, li wassal għal tnaqqis drastiku fil-profittabbiltà meta mqabbel mal-2021.

(260) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. **KAWŻALITÀ**

(261) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi ħlief l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit lill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, l-effetti tat-tnaqqis fil-konsum fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(262) Kif muri fit-Tabella 3, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, minn sehem mis-suq ta' 1 % fl-2020 għal 7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, il-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi kważi rdoppjaw f'sena, bejn l-2022 u l-2023. Il-prezzijiet Ċiniżi wara l-kunsinna baqgħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, anki fl-2021 meta d-domanda tas-suq għall-karta dekorattiva fl-Unjoni żdiedet b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq Ċiniż segwa xejra qawwija ta' żieda, li żdiedet b'521 % matul il-perjodu kkunsidrat (il-premessa (213)), minn 1 % għal 7 %.

(263) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu konsistentement aktar baxxi mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li eżerċita trażżin tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat. Hekk kif id-domanda fl-2022 naqset, u l-industrija tal-Unjoni bdiet tiffaċċja kompetizzjoni akbar u li kienet qed tikber b'rata mgħaġġla mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tistabbilixxi l-prezzijiet tagħha ogħla mill-kost tal-produzzjoni.

(264) Id-dumping Ċiniż fis-suq tal-Unjoni eżerċita trażżin tal-prezzijiet fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(265) Barra minn hekk, kif diġà ssemma fil-premessa (218), il-Kummissjoni stabbiliet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ponderat ta' bejn 9,3 % u 10,9 % mill-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jikkoinċidi maż-żmien meta s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet qed tiddeterjora dejjem aktar.

(266) L-analiżi tal-indikaturi tad-dannu turi li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar speċjalment lejn tmiem it-tieni nofs tal-perjodu kkunsidrat u dan ikkoinċida ma' żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, li nstabu li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawk l-importazzjonijiet, fi kwalunkwe każ, ikkawżaw trażżin sinifikanti tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat, peress li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, u saħansitra kellha tnaqqas il-prezzijiet taħt il-kost tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(267) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod provviżorju li hemm rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku. Tali dannu kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

(268) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn, individwalment jew kollettivament, setgħux inaqqsu r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u t-theddida ta' dannu sal-punt li tali rabta ma tibqax waħda ġenwina u sostanzjali.

5.2.1. *Tnaqqis fil-konsum*

(269) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni żdied fl-2021 bis-saħħa ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli fis-setturi tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19. Konsegwentement, wara l-illaxkar tal-miżuri tal-COVID-19 fl-2022, id-domanda għal applikazzjonijiet ibbażati fuq il-karti dekorattivi naqset. Din ix-xejra 'l isfel bdiet fl-2022 u kompliet matul l-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(270) Madankollu, id-domanda inqas qawwija ma tistax tkisser ir-rabta kawżali bejn l-influss ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, peress li l-kwantità tal-bejgħ tal-industrija tal-UE fis-suq tal-UE esperjenzat tnaqqis drastiku fl-2022 (9 %) u l-perjodu li jinkludi l-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni (16 %) meta mqabbla mat-tnaqqis fil-konsum (3 % fl-2022 u 14 % fl-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni). Barra minn hekk, kif diġà ġie enfasizzat fit-Tabella 3, l-esportaturi Ċiniżi kienu kapaċi jżidu drastikament l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE matul il-perjodu kkunsidrat, u kważi jirduppjaw is-sehem mis-suq tagħhom f'sena waħda biss (mill-2022 sal-2023); ix-xejriet fil-konsum għalhekk iridu jitqiesu mhux biss fil-kuntest ta' tnaqqis stabbilit fid-domanda fis-suq tal-Unjoni, iżda wkoll meta titqies ix-xejra tal-importazzjonijiet Ċiniżi, fejn żieda qawwija fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping affettwat b'mod negattiv il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(271) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Renju Unit	Volum (tunnellati)	5 477	5 998	4 309	3 573	6 496
	Indiċi	*100*	*110*	*79*	*65*	*119*
	Sehem mis-suq (%)	1	1	1	1	2
	Prezz medju	1 308	661	915	798	560
	Indiċi	*100*	*51*	*138*	*87*	*70*
Pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati)	20 923	33 830	32 022	7 183	5 193
	Indiċi	*100*	*162*	*95*	*22*	*72*
	Sehem mis-suq (%)	5	7	8	2	1
	Prezz medju	436	574	578	690	758
	Indiċi	*100*	*132*	*101*	*120*	*110*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	26 401	39 828	36 331	10 756	11 689
	Indiċi	*100*	*151*	*138*	*41*	*44*
	Sehem mis-suq (%)	6	8	9	3	3
	Prezz medju	617	587	617	726	648
	Indiċi	*100*	*95*	*100*	*118*	*105*

Sors: Data tal-Eurostat aġġustata, kif spjegat fil-premessa (204) u n-noti f'qiegħ il-paġna 126 u 127.

(272) Kif spjegat fil-premessi (204)-(205), minħabba l-inklużjoni ta' prodotti differenti li mhumiex il-prodott taħt investigazzjoni taħt il-kodiċijiet NM rilevanti, u fin-nuqqas ta' sorsi ta' informazzjoni aktar preċiżi, il-Kummissjoni kellha tapplika proporzjon għall-importazzjonijiet mill-Eurostat, abbażi tad-differenza bejn l-importazzjonijiet attwali tal-prodott taħt investigazzjoni kif irreġistrati taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC b'10 ċifri rispettivi wara l-bidu tal-investigazzjoni u l-importazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni taħt il-kodiċijiet NM korrispondenti. Għalhekk, iċ-ċifri minn pajjiżi terzi jingħataw l-aktar bħala indikazzjoni għax-xejriet tas-suq f'termini ta' volum u sehem mis-suq u mhux għall-fini tad-definizzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni.

(273) Il-Kummissjoni sabet li mill-pajjiżi kollha li jesportaw karta dekorattiva lejn l-Unjoni, ir-Renju Unit biss kellu sehem mis-suq ta' aktar minn 1 %. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni tas-suq miksuba mill-Kummissjoni fil-proċess tal-investigazzjoni anti-dumping u mill-ilmentaturi, ma kien hemm ebda produttur magħruf tal-karta dekorattiva fir-Renju Unit.

(274) Il-pajjiżi terzi esperjenzaw żieda fis-sehem mis-suq fl-2021 biss, perjodu mmarkat minn domanda għolja u marġnijiet ta' profitt għoljin, u fl-2022, meta baqgħet tippersisti xi domanda tas-suq residwa mis-sena preċedenti. Sal-2023 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni, is-sehem mis-suq naqas b'6 punti perċentwali. Fi kwalunkwe każ, is-sehem mis-suq globali tar-Renju Unit fl-UE baqa' pjuttost stabbli matul il-perjodu kkunsidrat (madwar 1 – 2 %), filwaqt li s-sehem mis-suq ta' pajjiżi terzi oħra fil-fatt naqas minn 5 % għal 1 %. Għalhekk ġie konkluż b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ma kkontribwewx għad-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

5.2.3. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(275) Matul il-perjodu kkunsidrat il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

Tabella 13

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	129 475	144 305	112 099	94 076	92 321
Indiċi	*100*	*111*	*87*	*73*	*71*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 698	2 043	2 571	2 542	2 463
Indiċi	*100*	*120*	*151*	*150*	*145*

Sors: Makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur għall-volum tal-esportazzjoni u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-prezz medju.

(276) Fil-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni naqqset il-volum tal-esportazzjoni tagħha b'29 %, filwaqt li segwiet l-istess xejra bħall-bejgħ fis-suq tal-Unjoni. Il-volumi tal-esportazzjoni laħqu l-quċċata tagħhom fl-2021, hekk kif il-lockdowns globali tal-COVID-19 wasslu għal żieda fid-domanda għall-karta dekorattiva madwar id-dinja. Is-snin ta' wara kienu mmarkati bi tnaqqis kostanti fil-volumi tal-esportazzjoni.

(277) Il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni żdiedu b'45 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni segwew l-istess xejra bħall-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni; madankollu, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew stabbiliti ogħla mill-kost medju tal-produzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-2020. Dan għen ukoll lill-industrija tal-Unjoni tirkupra xi ftit mit-telf fis-suq tal-UE.

(278) Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni setgħet titlob prezzijiet ogħla għall-bejgħ tal-esportazzjonijiet tagħha, il-volumi tal-esportazzjoni diġà limitati tagħha komplew jonqsu b'29 % matul il-perjodu kkunsidrat. Peress li l-volumi tal-esportazzjoni kienu limitati, u baqgħu profittabbli, ix-xejra fil-bejgħ tal-esportazzjoni ma naqqsitx ir-rabta kawżali.

5.2.4. *Raġunijiet għas-sitwazzjoni dannuża fl-2020*

(279) Fl-2020, is-suq tal-Unjoni esperjenza tnaqqis fid-domanda, xprunat mill-inċertezza tas-suq minħabba l-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Dan irriżulta fi tnaqqis temporanju fil-produzzjoni u fl-għadd ta' magni li kienu qed jitħaddmu. Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżomm il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha ogħla mill-kostijiet tal-produzzjoni u ġarrbet telf f'dan il-perjodu (il-premessa (239)). Madankollu, id-domanda tas-suq bdiet titjieb fit-tieni nofs tas-sena, u laħqet l-ogħla livell tagħha fl-2021 minħabba ż-żieda fir-rinnovazzjonijiet tad-djar (il-premessa (250)). Kif diġà muri fit-Tabella 11, l-2021 kienet l-unika sena li fiha l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm il-prezzijiet tagħha ogħla mill-kost tal-produzzjoni, peress li s-sitwazzjoni ekonomika tal-Unjoni marret għall-aħar fl-2022 u fis-snin ta' wara, inkluż fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(280) Filwaqt li fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat l-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni kienu negliġibbli f'termini ta' volum u sehem mis-suq, u l-industrija tal-Unjoni madankollu esperjenzat tnaqqis fir-ritmu ekonomiku negattiv, irid jitqies li t-tnaqqis fis-suq u l-erożjoni fil-profittabbiltà esperjenzati fl-2020 kienu xprunati mill-inċertezza marbuta mal-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, dawn ir-raġunijiet kollha ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi u d-dannu esperjenzat matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(281) Fil-fatt, l-analiżi tal-profittabbiltà storika fl-Unjoni għall-bejgħ lil klijenti mhux relatati wriet li fis-snin ta' qabel l-2020, l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni finanzjarja ġeneralment pożittiva, b'marġnijiet ta' profitt ponderati li jvarjaw bejn 2,3 % u 6,5 % fil-perjodu bejn l-2014 u l-2019, meta l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-karta dekorattiva fl-Unjoni kienu negliġibbli jew ineżistenti.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(282) Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (250), it-tnaqqis fid-domanda diġà kien qed jaffettwa b'mod negattiv lill-industrija tal-Unjoni. L-influss rapidu ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping, li s-sehem mis-suq tagħhom irdoppja bejn l-2022 u l-2023, ġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tistabbilixxi l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni taħt il-kost tal-produzzjoni sabiex tibqa' kompetittiva mal-prezzijiet Ċiniżi, u żżomm il-preżenza tagħha fis-suq.

(283) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina, li ma ġietx imnaqqsa mill-fatturi msemmija hawn fuq.

(284) Wara l-bidu tal-investigazzjoni, is-CNFPIA (China National Forest Products Industry Association) sostniet li d-dannu kien ikkawżat minn importazzjonijiet minn pajjiżi oħra u mill-effiċjenza tal-produzzjoni tal-ilmentaturi. Biex tappoġġa l-affermazzjoni tagħha, is-CNFPIA użat data mill-Eurostat biex turi li l-prezz tal-importazzjoni miċ-Ċina huwa ogħla minn dak mill-pajjiżi l-oħra, u li l-prezz tal-importazzjoni minn pajjiżi oħra huwa wkoll aktar baxx mill-prezz tal-importazzjoni tal-UE mill-membri tal-UE.

(285) Il-Kummissjoni qieset li, kif diġà ġie spjegat fil-premessa (267) u fit-Taqsima 4.3, il-kodiċijiet NM irrapportati fil-bidu jinkludu grupp ta' prodotti differenti barra mill-prodott ikkonċernat. Minkejja li l-prezzijiet medji rrapportati fit-Tabella 12 huma iktar baxxi mill-prezzijiet Ċiniżi, iċ-ċifri minn pajjiżi terzi qed jingħataw l-aktar bħala indikazzjoni għax-xejriet tas-suq f'termini ta' volum u sehem mis-suq u mhux għall-fini tad-definizzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni. Fi kwalunkwe każ, anki jekk il-prezzijiet irrapportati fit-Tabella 12 kienu l-prezzijiet attwali tal-importazzjoni, dawk l-importazzjonijiet ma jikkawżawx dannu minħabba l-volumi u s-sehem mis-suq baxxi. B'mod partikolari, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-Renju Unit kien pjuttost limitat għal 2 %, filwaqt li l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqas drastikament fl-2023. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

(286) F'dan il-każ, l-ilmentaturi sostnew l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, sabiex titwettaq il-valutazzjoni fuq il-livell xieraq ta' miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Imbagħad eżaminat jekk il-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienx se jkun ogħla mill-marġni tad-dannu tagħhom (ara l-premessa (296) hawn taħt).

6.1. Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz

(287) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(288) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx anqas minn 6 %.

(289) L-ilmentatur sostna li, abbażi tal-prestazzjoni preċedenti tal-industrija tal-Unjoni, f'kundizzjonijiet normali tas-suq, jenħtieġ li jitqies profitt raġonevoli ta' 10 %. Madankollu, dan il-livell ta' profitt fil-mira ma ġiex evidenzjat u lanqas appoġġat mis-sejbiet tal-investigazzjoni.

(290) L-informazzjoni relatata mal-istabbiliment tal-profitt normali ġiet addizzjonalment inkluża fil-kwestjonarju li ntbagħat lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Din kienet tinkludi l-profittabbiltà tal-prodott simili għall-10 snin ta' qabel il-perjodu ta' investigazzjoni.

(291) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni abbażi ta' medja ponderata tal-marġnijiet tal-profitt miksuba mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fl-2014, sena profittabbli mmarkata minn perjodu ekonomiku favorevoli fis-settur tal-kostruzzjoni u qabel il-wasla tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi fl-2020. Dan il-marġni ta' profitt ġie stabbilit għal 6,5 %.

(292) L-Industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza li l-livell tagħha ta' investimenti, riċerka u żvilupp ("R&Ż") u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienu jkunu ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni abbażi ta' pjanijiet ta' investiment u ta' proġetti rrifjutati jew posposti, li juri li dawn l-investimenti kienu ġenwinament ippjanati. Tabilħaqq, l-affermazzjonijiet tal-industrija tal-UE nstabu li kienu ġġustifikati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-industrija tal-UE u vverifikati mill-Kummissjoni u l-ispejjeż reali tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Differenza bħal din, espressa bħala persentaġġ tal-fatturat, ġiet stabbilita bejn 0,5 % u 1,3 % għal kull waħda mill-kumpaniji fil-kampjun.

(293) Persentaġġi bħal dawn ġew miżjuda mal-profitt bażiku ta' 6,5 % imsemmi fil-premessa (287), li wassal għal profitti mmirati li jvarjaw bejn 7,0 % u 7,8 % abbażi taċ-ċirkostanzi ta' kull kumpanija.

(294) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż ta' EUR 2 361/tunnellata għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa (291)) għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(295) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell ta' marġni tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fir-RPĊ inklużi fil-kampjun, kif stabbilit għall-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala persentaġġ tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(296) Il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz għal "kumpaniji li kkooperaw oħra" u għal "l-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ" huwa ddefinit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji u l-importazzjonijiet (ara l-premessa (192)).

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz (%)
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hangzhou Huawang New Material Technology Co., Ltd	34,9	29,0
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Kingdecor (Zhejiang) Co., Ltd.	31,0	23,0
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Kumpaniji oħra li kkooperaw	33,6	27,0
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ	34,9	29,0

6.2. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni**

(297) Kif spjegat fin-Notifika tal-Bidu, l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li fil-pajjiż ikkonċernat hemm distorsjonijiet fil-materja prima rigward il-prodott taħt investigazzjoni. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, din l-investigazzjoni eżaminat id-distorsjonijiet allegati biex tivvaluta, jekk rilevanti, jekk dazju inferjuri għall-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jelimina d-dannu.

6.3. **Distorsjonijiet fil-materja prima**

(298) L-ilmentatur ipprovda evidenza suffiċjenti li hemm distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fir-RPĊ fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Skont l-evidenza fl-ilment, id-diossidu tat-titanju u l-polpa tal-injam, li kull wieħed minnhom individwalment jammonta għal aktar minn 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, huma soġġetti għal rekwiżiti ta' liċenzjar tal-esportazzjoni fir-RPĊ.

(299) Għalhekk, kif imħabbar fin-Notifika ta' Bidu, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat l-allegati distorsjonijiet.

(300) Il-Kummissjoni l-ewwel identifikat il-materja prima prinċipali użata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun. Bħala materja prima prinċipali ġiet ikkunsidrata dik il-materja prima li hija probabbli li tirrappreżenta mill-inqas 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni stabbiliet li kemm id-diossidu tat-titanju kif ukoll il-polpa tal-injam kienu jirrappreżentaw mill-inqas 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għall-fini ta' dan il-kalkolu, intuża prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif stabbilit fit-Tajlandja. Madankollu, l-investigazzjoni stabbiliet li l-polpa tal-injam ma kinitx ġejja domestikament, iżda importata mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, u għalhekk ma kienx hemm bżonn li din il-materja prima tiġi eżaminata aktar.

(301) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-prezz tad-diossidu tat-titanju huwiex distort minn waħda mill-miżuri elenkati fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku: skemi ta' pprezzar doppju, taxxi fuq l-esportazzjoni, soprataxxa fuq l-esportazzjoni, kwoti fuq l-esportazzjoni, projbizzjoni tal-esportazzjoni, taxxa fiskali fuq l-esportazzjonijiet, rekwiżiti ta' liċenzjar, prezz minimu tal-esportazzjoni, tnaqqis jew irtirar tar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud

(VAT), restrizzjoni fuq il-punt tal-iżdoganar għall-esportaturi, lista ta' esportaturi kwalifikati, obbligu tas-suq domestiku, estrazzjoni ristretta. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat lista ta' oġġetti soġġetti għal liċenzji tal-esportazzjoni miżmuma mill-GTĊ (il-Ministeru tal-Kummerċ u d-dipartimenti lokali kompetenti tiegħu). Il-listi tal-2023 u l-2024 speċifikaw li d-diossidu tat-titanju (TiO2) u prodotti oħra relatati mat-titanju huma soġġetti għal rekwiżiti ta' liċenzjar tal-esportazzjoni.

(302) Sussegwentement, il-Kummissjoni qabblet il-prezz tad-diossidu tat-titanju mal-prezzijiet fis-swieq internazzjonali rappreżentattivi. Instab li l-prezz ta' unità tad-diossidu tat-titanju fir-RPĊ, kif irrapportat mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, kien kważi nofs il-prezz ta' unità f'pajjiżi rappreżentattivi, inkluża t-Tajlandja, li tqieset bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-prezzijiet tal-importazzjoni rrapportati tad-diossidu tat-titanju ta' wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun, li kiseb madwar 10 % tad-diossidu tat-titanju barra mir-RPĊ.

(303) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-diossidu tat-titanju kien soġġett għal distorsjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku**

(304) F'konformità mal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li kien fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' dazji proviżorji f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, inklużi l-kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż esportatur, il-kompetizzjoni għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen ta' provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni. Sabiex twettaq din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni analizzat il-mistoqsijiet speċifiċi fil-kwestjonarji sottomessi mill-utenti li kkooperaw, organizzat żjarat ta' verifika f'LamiGraf u Interprint, kif ukoll seduti ta' smigħ maż-żewġ utenti (il-premessa (6)).

7.1.1.1. Kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż esportatur

(305) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi ([129]), il-kapaċità żejda tal-produzzjoni tal-karta dekorattiva fiċ-Ċina ġiet stmata fl-2022 għal madwar [600 000 – 650 000] tunnellata. F'konformità ma' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet li matul il-PI ż-żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fiċ-Ċina kellhom kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' [550 000 – 600 000] tunnellata u kapaċitajiet ta' riżerva ta' [40 000 – 60 000] tunnellata. B'kuntrast ma' dan, is-suq tal-Unjoni bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni kellu daqs ta' [370 000 – 420 000] tunnellata. Għalhekk, f'termini relattivi, il-kapaċitajiet ta' riżerva fiċ-Ċina huma mdaqqsa.

(306) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet teżisti kapaċità ta' riżerva sinifikanti fiċ-Ċina u li, jekk tintuża, din il-kapaċità ta' riżerva kellha l-potenzjal li żżid il-provvista globali tal-prodott taħt investigazzjoni, tnaqqas il-prezzijiet u konsegwentement timmina l-effettività tal-miżura jekk ma tiġix stabbilita fil-livell tad-dumping.

7.1.1.2. Kompetizzjoni għall-materja prima

(307) Fir-rigward tal-kompetizzjoni għall-materja prima, il-Kummissjoni stabbiliet li t-TiO2, li jirrappreżenta aktar minn 17 % tal-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzjar tal-esportazzjoni, u li l-prezz ta' unità ta' din il-materja prima fiċ-Ċina, kif irrapportat mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, kien biss madwar nofs il-prezz ta' unità fil-pajjiżi rappreżentattivi kollha possibbli li tqiesu fl-ewwel Nota tal-Fatturi ta' Produzzjoni, jiġifieri, il-Brażil, l-Indonesja, il-Malażja, it-Tajlandja u t-Turkija.. Kif stabbilit fit-Taqsima 6.3 hawn fuq, is-suq Ċiniż tal-materja prima tad-TiO2 kien meqjus bħala distort.

([129]) Ara l-Anness 7a tal-ilment, is-slides 35 – 37.

(308) Ir-rekwiżiti tal-liċenzjar tal-esportazzjoni fuq it-TiO2 fiċ-Ċina jobbligaw lill-kumpaniji esportaturi jirċievu approvazzjoni minn qabel mill-gvern fil-forma ta' liċenzji jew permessi sabiex jesportaw il-prodott.

(309) Proċeduri bħal dawn mhux biss jagħtu lill-gvern kontroll fuq l-esportaturi u l-ammonti ta' prodotti esportati iżda jistgħu wkoll iżidu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jew jipprevjenu lill-esportaturi milli jirreaġixxu malajr għall-opportunitajiet ta' bejgħ barra mill-pajjiż minħabba żminijiet twal ta' proċessar.

(310) Billi jżid b'mod artifiċjali l-livell tal-provvista tal-materja prima, il-GTĊ jeżerċita pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tad-TiO2 domestiku. Dan joħloq żvantaġġ komparattiv għall-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-produtturi esportaturi fiċ-Ċina.

7.1.1.3. Effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni

(311) Kif spjegat fil-premessa (27), l-użu ewlieni tal-karta dekorattiva huwa fl-industriji tal-għamara, tad-disinn intern u tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni bħala laminat fuq materjal ta' rinforz. L-utenti downstream ewlenin huma l-istampaturi, l-imprenjaturi, u l-laminaturi. L-istampaturi jistampaw disinn partikolari fuq karta dekorattiva (eż. dehra ta' injam, dehra granulata, dehra ta' rħam); l-imprenjaturi tipikament jimprenjaw il-karta dekorattiva b'reżina sintentika, bħall-melamina jew ir-rażi tal-urea, filwaqt li l-laminaturi jillaminaw il-karta dekorattiva fuq pannelli bbażati fuq l-injam bħal fibreboards jew bord tal-partikoli permezz tal-użu ta' temperaturi u pressjoni għoljin, jew, inkella, permezz ta' adeżivi.

(312) Ebda importatur u negozjant mhux relatat ma ppreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni. Żewġ kumpaniji inizjalment ippreżentaw ruħhom bħala importaturi mhux relatati iżda t-tnejn li huma tqiesu bħala utenti minħabba l-grad ta' proċessar ta' karta dekorattiva fil-proċessi ta' produzzjoni rispettivi tagħhom.

(313) B'kollox erba' utenti pparteċipaw f'din l-investigazzjoni u opponew l-impożizzjoni tad-dazji. Minn dawn, żewġ stampaturi ppreżentaw tweġibiet għall-kwestjonarju. L-oħrajn ippreżentaw kummenti.

(314) Iż-żewġ utenti li kkooperaw sostnew li jekk jiġu imposti dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi, l-utenti fis-suq tal-Unjoni jistgħu jesperjenzaw kostijiet ogħla li jinħassu wkoll fuq il-konsumaturi aħħarin. Iż-żewġ utenti enfasizzaw ukoll li jekk jiġu imposti dazji, is-suq Tork isir aktar kompetittiv, li jwassal biex l-istampaturi u l-imprenjaturi indipendenti jċaqalqu l-produzzjoni tagħhom barra mill-Unjoni.

(315) Utent wieħed sostna wkoll li jekk jiġu imposti dazji anti-dumping għoljin, l-importazzjonijiet Ċiniżi ta' karta dekorattiva fl-Unjoni prattikament se jieqfu, u l-UE tibqa' l-uniku fornitur vijabbli minħabba ostakli kbar għad-dħul għal atturi ġodda fis-settur tal-karta dekorattiva, jiġifieri investimenti għoljin fi proġetti f'żoni ġodda, ostakli ambjentali, peress li l-produtturi tal-karti dekorattivi tradizzjonalment jeħtieġu aċċess għal sors tal-ilma, u ostakli għall-għarfien espert u għall-kwalità. Din il-kombinazzjoni twassal lill-produtturi tal-Unjoni biex iżidu l-prezzijiet wara n-nuqqas ta' kompetizzjoni.

(316) L-ewwel nett, il-Kummissjoni analizzat il-profittabbiltà taż-żewġ utenti li kkooperaw u qieset li dawn jinsabu f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli. Madankollu, anki jekk l-utenti jesperjenzaw żieda fil-kost tal-akkwist tal-karta dekorattiva miċ-Ċina, id-differenza bejn il-marġni tad-dumping u tad-dannu (madwar 8 % punti perċentwali, bħala medja) mhijiex tali li dazju stabbilit fil-livell aktar baxx tal-marġni tad-dannu jwassal għal titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Barra minn hekk, peress li ma kienx hemm kooperazzjoni minn utenti oħra, is-sitwazzjoni taż-żewġ utenti tista' ma tkunx rappreżentattiva għal utenti oħra li huma attivi f'segmenti oħra tas-suq bħal imprenjaturi u laminaturi. Fil-fatt, il-Kummissjoni fakkret li l-ebda imprenjatur jew laminatur ma ppreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni.

(317) It-tieni, għalkemm il-possibbiltà ta' akkwist ta' karta dekorattiva minn pajjiżi terzi oħra hija limitata, l-industrija tal-Unjoni kienet għadha mhux qed taħdem b'kapaċità sħiħa u tkun tista' tissodisfa d-domanda futura tas-suq, u żidiet futuri fid-domanda, anki fid-dawl ta' investimenti mitlufa wara l-PI mill-produtturi tal-Unjoni f'kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali.

(318) B'mod partikolari, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun irrapporta investiment mitluf fl-installazzjoni ta' magna tal-karta imprenjata minn qabel. Dan mhux biss iżid kapaċità addizzjonali iżda jiddiversifika wkoll is-sorsi ta' karta dekorattiva imprenjata minn qabel u jżid il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Dan huwa importanti peress li wieħed mill-utenti, Interprint, sostna matul is-seduta tiegħu li tali tip speċifiku ta' karta dekorattiva huwa prodott minn żewġ kumpaniji biss madwar id-dinja.

(319) Għalhekk, l-impożizzjoni ta' dazji tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tinvesti fil-kapaċità ta' espansjoni u fid-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-prodotti tagħha, u b'hekk tagħti aktar għażliet ta' diversifikazzjoni għall-utenti wkoll. Għalhekk, f'każ li jiġu imposti miżuri anti-dumping fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping, l-impatt fuq l-importaturi u n-negozjanti mhux relatati jkun limitat, u mhux sal-punt li jkun akbar mill-benefiċċji għall-industrija tal-Unjoni, li teħtieġ dan il-livell ta' protezzjoni fid-dawl tad-dannu stabbilit ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina u filwaqt li jitqiesu d-distorsjonijiet tal-materja prima msemmija hawn fuq.

7.1.1.4. Fatturi oħra

(320) LamiGraf argumentat li d-differenzi fil-kostijiet tal-materja prima bejn iċ-Ċina u l-UE huma influwenzati minn diversi fatturi li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-livell tal-miżuri, u li n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri mitlub mill-ilmentaturi jirrestrinġi l-provvista kompetittiva ta' karta dekorattiva fl-Unjoni. Il-Grupp Kastamonu sostna li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva miċ-Ċina tillimita d-disponibbiltà ta' provvista adegwata ta' karta dekorattiva biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti tal-UE.

(321) Il-Kummissjoni fakkret li d-dannu stabbilit ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina u d-distorsjonijiet fil-materja prima ta' hawn fuq jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' miżuri. Għall-kuntrarju tal-affermazzjoni ta' LamiGraf, il-provvista kompetittiva tkun ristretta fin-nuqqas ta' miżuri, peress li l-industrija tal-Unjoni ma tibqax kapaċi tissodisfa d-domanda tal-industrija tal-utenti li teħtieġ sitwazzjoni ekonomika vijabbli tal-industrija tal-Unjoni, li ma tistax tinkiseb f'każ li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux restawrati.

7.1.2. *Konklużjoni tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku*

(322) Wara li vvalutat l-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-ammont ta' dazji proviżorji f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Fid-dawl tal-analiżi stabbilita hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, huwa fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-livell tad-dazji proviżorji abbażi tal-livell ta' dumping, bla ħsara għal kunsiderazzjonijiet ulterjuri stabbiliti fit-Taqsima 7.2 ta' hawn taħt fil-kuntest tal-Artikolu 21.

7.2. **Interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku**

7.2.1. *Interess tal-industrija tal-Unjoni*

(323) Ta' min ifakkar li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti f'seba' produtturi, li jimpjegaw aktar minn 2 000 ħaddiem matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(324) Minkejja l-fatt li l-industrija tal-Unjoni fl-2020 iffaċċjat tnaqqis fir-ritmu ekonomiku minħabba t-tnaqqis fis-suq ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, segwit minn irkupru qawwi fil-profittabbiltà, il-volumi tal-bejgħ, il-fluss tal-flus, u r-redditu fuq l-investiment fl-2021, il-bejgħ u l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ddeterjoraw b'mod sinifikanti matul it-tieni nofs tal-perjodu kkunsidrat, b'impatt negattiv konsegwenti fuq il-volumi tal-produzzjoni, l-investimenti u l-fluss tal-flus tagħha. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat (ara l-premessa (174) hawn fuq).

(325) In-nuqqas ta' miżuri x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' trażżin ulterjuri tal-prezzijiet, bejgħ aktar baxx u deterjorament ulterjuri tal-profittabbiltà. Il-miżuri se jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tisfrutta l-potenzjal tagħha fis-suq tal-Unjoni, twettaq investimenti mitlufin, u ttejjeb il-profittabbiltà għal livelli mistennija f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(326) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni u l-forniturі upstream tagħha.

7.2.2. *L-interess tal-utenti u tal-importaturi u negozjanti mhux relatati*

(327) Kif spjegat fil-premessa (312), ebda importatur jew negozjant mhux relatat ma ppreżenta ruħu biex jipparteċipa fl-investigazzjoni. Żewġ kumpaniji inizjalment ippreżentaw ruħhom bħala importaturi mhux relatati, iżda minħabba l-grad ta' pproċessar ta' karta dekorattiva, it-tnejn li huma tqiesu bħala utenti. Iż-żewġ kumpaniji kienu joperaw bħala stampaturi tal-karta dekorattiva. Kif spjegat fil-premessa (316), l-ebda imprenjatur jew laminatur ma ppreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni, u għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tistma l-impatt tad-dazji fuq dawn it-tipi ta' utenti.

(328) Il-Kummissjoni vverifikat it-tweġibiet għall-kwestjonarju taż-żewġ utenti li kkooperaw u organizzat seduti ta' smigħ mat-tnejn li huma (il-premessa (6)). Il-karta dekorattiva kienet tirrappreżenta madwar [75 – 85] % tal-kostijiet totali tal-materja prima tagħhom u madwar [40 – 50] % tal-kost totali tal-produzzjoni tagħhom. Bħala medja, iż-żewġ stampaturi kisbu bejn [15 - 25] % tal-prodott taħt investigazzjoni mir-RPĊ u rrappreżentaw sehem mis-suq stmat ta' [10 – 20 %] f'termini tal-konsum tal-Unjoni tal-prodott taħt investigazzjoni. Iż-żewġ utenti wrew ukoll li kienu qed joperaw b'telf fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni stmat li jekk id-dazji jiġu imposti fil-livell propost, u jekk l-affarijiet l-oħra kollha jibqgħu ugwali, il-kost tal-produzzjoni tagħhom jiżdied b'medja ponderata ta' inqas minn 2 % ([130]). Barra minn hekk, kif diġà ġie rikonoxxut fil-premessa (314), għalkemm il-possibbiltà ta' akkwist ta' karta dekorattiva minn pajjiżi terzi oħra hija limitata, l-impożizzjoni ta' dazji ma toħloqx riskju ta' skarsezza fis-suq tal-Unjoni tal-prodott taħt investigazzjonijiet peress li l-industrija tal-Unjoni mhijiex għaddejja b'kapaċità sħiħa u tkun tista' tissodisfa ż-żieda fid-domanda tas-suq.

(329) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-valutazzjoni tagħha li l-impatt tad-dazji fuq l-utenti jkun limitat, u mhux sal-punt li jkun akbar mill-benefiċċji għall-industrija tal-Unjoni (il-premessa (319)).

7.2.3. *Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni*

(330) L-effetti tal-miżuri fuq il-produtturi tal-Unjoni jkunu pożittivi. Ir-riskji ta' impatt negattiv potenzjali fuq l-utenti u importaturi/kummerċjanti mhux relatati, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista, jittaffew mill-kapaċità disponibbli libera tal-industrija tal-Unjoni u mill-espansjoni futura addizzjonali tal-kapaċità tal-produzzjoni. Ir-restawr ta' kompetizzjoni ġusta u ta' kundizzjonijiet ekwivalenti, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping, ikun ta' benefiċċju għall-iżvilupp b'saħħtu tas-suq ġenerali u jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tikkonforma mal-kostijiet li jirriżultaw mill-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont ftehimiet internazzjonali.

(331) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex wieħed jasal għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-karta dekorattiva li toriġina mir-RPĊ.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI**

(332) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(333) Miżuri anti-dumping provviżorji jenħtieġ li jiġu imposti fuq importazzjonijiet ta' karta dekorattiva li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (322) li l-livell xieraq biex jitneħħa d-dannu jenħtieġ li jkun il-marġni tad-dumping.

([130]) Iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni ġiet ikkalkulata billi tqiesu, fejn possibbli, il-marġnijiet ta' dumping differenti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(334) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li r-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hangzhou Huawang New Material Technology Co., Ltd	34,9 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Kingdecor (Zhejiang) Co., Ltd.	31,0 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Kumpaniji oħra li kkooperaw	33,6 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ	34,9 %

(335) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ". Jenħtieġ li dawn ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(336) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ".

(337) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tkun tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti dwar it-trasport fuq l-ilma, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(338) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', *inter alia*, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. **REĠISTRAZZJONI**

(339) Kif imsemmi fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bil-għan li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(340) Fid-dawl tas-sejbiet fl-istadju proviżorju, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tieqaf/ma titkompliex.

(341) F'dan l-istadju tal-proċediment ma ttieħdet/tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' miżuri anti-dumping.

10. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU**

(342) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw 3 ijiem ta' xogħol sabiex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(343) Kingdecor ikkummentat li l-Kummissjoni ma għandhiex tqis linja duplikata fit-TbyT għall-kalkolu tagħha. Barra minn hekk, il-volum ta' prodotti difettużi li għalihom inħarġu noti ta' kreditu jenħtieġ li jitnaqqas mill-fatturi rispettivi u jwassal għal kalkolu mill-ġdid tal-marġni tad-dumping. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika valur referenzjarju differenti għat-TiO2 u tikkalkula mill-ġdid il-marġni tad-dumping skont dan.

(344) Il-Kummissjoni tikkonferma li kienet diġà eskludiet il-linja duplikata, li hija valur ta' 0 mill-kalkolu. It-tieni u t-tielet kummenti ma jirreferux għal żball klerikali u se jiġu indirizzati fl-istadju definittiv.

11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(345) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jippreżentaw kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(346) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' karta dekorattiva, li bħalissa hija kklassifikata taħt il-kodiċijiet NM ex 4802 54 00, ex 4802 55, ex 4805 91 00 u ex 4811 60 00 (il-kodiċijiet TARIC 4802 54 00 10, 4802 55 15 10, 4802 55 25 10, 4802 55 30 10, 4802 55 90 10, 4805 91 00 10, u 4811 60 00 10), bil-karatteristiċi li ġejjin:

— tiżen 30-150 g/m2; għandha kontenut ta' rmied ta' bejn 5 % u 50 %;

— għandha assorbenza ta' Klemm ta' mill-inqas 12-il millimetru kull 10 minuti jew ġbir tar-reżina ta' 20 % sa 200 %;

— b'reżistenza għat-tensjoni mxarrba ta' 6 sa 12-il Newton (N) għal kull 15-il millimetru;

— b'porożità ta' Gurley minn 3 sekondi sa 80 sekonda għal kull 100 millilitru;

— lixxa minn 20 sa 300 skont il-metodu Bekk;

— f'rukkelli b'wisa' sa 300 ċentimetru;

— kemm jekk imprenjata minn qabel b'taħlita ta' latitudnijiet jew leganti naturali (bħal lamtu) jew le;

— eskluż wallpaper u kisi simili tal-ħajt;

— minbarra karti saturati b'soluzzjonijiet ta' reżina bbażati fuq melamina b'bażi ta' ilma, urea, fenol jew kwalunkwe reżina li tibbies bis-sħana jew reżina termoplastika,

u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż tal-oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hangzhou Huawang New Material Technology Co., Ltd	34,9 %	89LJ
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Kingdecor (Zhejiang) Co., Ltd.	31,0 %	89LK
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	33,6 %	
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ	34,9 %	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali b'dan qed jingħataw id-direttiva li jwaqqfu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2718.

2. Id-data miġbura dwar prodotti li daħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definittivi possibbli, jew it-tmiem ta' dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Kumpaniji oħra li kkooperaw

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SUNSHINE OJI (Shouguang) Specialty Paper Co., Ltd	89LL
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZIBO OU-MU Special Paper CO., Ltd	89LM
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	WINBON TECHNOCEL New Materials Co., Ltd.	89LN